# Għajnuna

## biex timla

## l-formola tat-taxxa

### Sena bażi 2018

### Sena ta' stima 2019

OFFICE OF
THE COMMISSIONER
FOR REVENUE

**Disinjat, Settjat u Stampat fl-Istamperija tal-Gvern**

Dan il-ktejjeb ta' tagħrif tħejja mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi biex jgħinek timla l-formola tat-taxxa għas-sena bażi 2018 b'mod sħiħ u korrett.

**Ibgħat il-formola b'mod li tasal f'dan l-Uffiċċju sat-30 ta' Ġunju, 2019.**

Sa dik id-data ara wkoll li tkun ħallast xi taxxa li jkun għad baqagħlek tħallas għas-sena bażi 2018. Uża l-invilopp li qed nibagħtulek biex tibgħat il-formola fih.

Il-pagamenti għandhom isiru online fuq: *https://cfr.gov.mt/onlinepayments* jew bl-*Internet Banking* fejn wieħed għandu dejjem jikwota in-numru ta' referenza tal-ħlas (*Payment Reference number*).

Alternattivament, il-ħlas jista' jintbagħat b' ċekk pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi billi tuża l-envelop żgħir ipprovdut. Jekk il-pagament qed issir f' waħda mill-fergħat tal-MaltaPost iċ-ċekk għandu jkun pagabbli lill-MaltaPost plc.

**Huwa importanti li tinkludi/tippreżenta il-Payment Slip mal-ħlas biċ-ċekk.**

Jekk għandek xi diffikultà dwar it-taxxa tista' tmur fis-sezzjoni tat-T*axpayer Service, Servizz.gov Hub* tagħna il-Floriana jew ir-Rabat, Għawdex, jew tibgħat e-mail lil *taxpayerservice*.cfr@gov.mt. Tista' wkoll iċċempel lill-*Call Centre* tagħna fuq 153.

Nota: Dan il-ktejjeb huwa biss gwida biex jgħinek timla l-formola u ma għandu l-ebda forza legali.

**Għal aktar informazzjoni**

**It-*Taxpayer Service, Serizz.gov Hub* tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, Block 4, Floriana**

Ir-residenti Għawdxin jistgħu jikkuntattjaw lil fergħa tagħna fi Triq Enrico Mizzi, Rabat.

Biex tara l-ħinijiet tal-ftuħ żur il-websajt tagħna www.cfr.gov.mt

**Freephone: 153**
**Email: *taxpayerservice*.cfr@gov.mt**

L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi juża l-informazzjoni mibgħuta minnek biex jipproċessa l-formola tat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxa u leġislazzjoni sussidjarja. Aħna nistgħu nivverifikaw l-informazzjoni mibgħuta minnek, jew informazzjoni dwarek ipproduta minn terzi persuni, ma' informazzjoni miżmuma minn dan l-Uffiċċju.

Aħna ma ngħaddux informazzjoni dwarek lil ebda persuna barra l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi ħlief kif permess mil-liġi. L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi juża l-informazzjoni personali tiegħek skont r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (Regolament U.E. tal-2016/679) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586) biex jipproteġi l-privatezza tiegħek.

Għal aktar tagħrif tista' tikkuntattja lill-Kontrollur tad-Data Personali, Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, Floriana FRN 1700.

# X'FIH DAN IL-KTEJJEB

Informazzjoni Ġenerali ____ 5

Dettalji Personali ____ 8

Tagħrif fuq Tnaqqis ta' Spejjeż u Krediti ta' taxxa ____ 12

Dħul minn Emolumenti u Negozju ____ 22
kaxex 1-8

Dħul minn Investiment, Qligħ Kapitali u Dħul ieħor ____ 26
kaxex 9-15

Tnaqqis ____ 30
kaxex 16-22

Komputazzjoni tat-Taxxa ____ 33
kaxex 24-27

Krediti tat-Taxxa ____ 42
kaxex 28-32

Ħelsien minn Taxxa Doppja ____ 42
kaxex 33-34

Pagamenti ta' Taxxa ____ 44
kaxex 35-41

Taxxa Mħallsa Nieqsa jew Żejda ____ 45
kaxex 42

Mili ta' Formoli tat-Taxxa ____ 47

Rati tat-Taxxa ____ 48

# INFORMAZZJONI ĠENERALI

## IS-*SELF-ASSESSMENT*

### Verifiki mill-Kummissarju

Għalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi jaċċetta l-prospett tat-taxxa tiegħek kif mimli minnek, huwa jista' jagħmel verifiki li hu jħoss li jkunu meħtieġa. Jekk jinstab li ma tkunx ħallast it-taxxa kollha fuq l-income taxxabbli tiegħek inti teħel aktar taxxa, multa u imgħax. F'dan il-każ, anki jekk dan jirriżulta snin wara, l-imgħax u l-multa jibdew jgħoddu mid-data li fiha kellek tibgħat il-formola (it-*tax return date*), li din is-sena hija t-30 ta' Ġunju, 2019.

### Sottomissjoni tal-formola

Il-formola tat-taxxa trid tasal sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2019. Anki jekk għal xi raġuni jew oħra din il-formola tat-taxxa ma tkunx waslitlek id-dar, xorta waħda inti obbligat li tibgħatha sat-30 ta' Ġunju, 2019.

Jekk ma tibgħatx il-formola, il-Kummissarju joħroġlok Rendikont tat-Taxxa *(Tax Statement)* kif stmat minnhu.

Inti tista' tissottometti personalment il-formola tat-taxxa tad-dħul billi tiddeposita' fi Blokk 3, Sezzjoni tal-Immaniġjar tal-Korrispondenza *(Correspondence Management Unit - CMU)*

Il-formola tat-taxxa tista' ukoll titħalla, mat-*Taxpayer Service, Servizz.gov Hub,* fi Blokk 4.

### Ħlas ta' taxxa

It-30 ta' Ġunju, 2019 hija data importanti mhux biss għax hija t-*tax return* date, jiġifieri l-aħħar ġurnata li fiha jistgħu jaslu l-formoli ta' taxpayers individwi iżda hija wkoll it-*TAX SETTLEMENT DATE*. Dan ifisser li jekk ikun baqagħlek tagħti xi taxxa għall-2018 din trid tkun tħallset kollha sat-30 ta' Ġunju, 2019.

Jekk timla formola tat-taxxa, u jirriżulta li sat-30 ta' Ġunju, 2019 ma tkunx ħallast it-taxxa kollha għall-2018, int se teħel imgħax ta' 0.54% fix-xahar fuq l-ammont li jkun għadu ma tħallasx. L-imgħax jibda jgħodd hekk kif taqbeż it-*tax settlement* date (30 ta' Ġunju, 2019).

### Rifużjoni tat-Taxxa

Jekk ikollok tieħu xi refund minħabba li fl-2018 tkun ħallast taxxa żejda u tkun bgħatt il-formola sat-*tax return date*, l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi huwa marbut bil-liġi li jħallsek ir-*refund* sa mhux aktar tard minn Diċembru, 2019. Jekk ma jħallsekx sa sitt xhur wara, ikollu jħallsek imgħax bl-istess rata ta' 0.54% fix-xahar u dan jibda jgħodd minn Jannar ta' wara.

Madankollu, ir-*refund* ma jingħatax kemm-il darba inti ma tkunx bgħatt il-prospetti tat-taxxa tad-dħul u tal-VAT, fejn dan ikun applikabbli.

### X'għandi nagħmel jekk ma naqbilx mar-Rendikont tat-Taxxa?

Ir-Rendikont tat-Taxxa jista' jiġi aġġustat kull meta jinstab li fih xi żball jew meta jkun hemm provi biżżejjed li jiġġustifikaw żieda jew tnaqqis fit-taxxa. Kull ma trid tagħmel hu li jekk taħseb li l-iżball ikun sar mid-Dipartiment, timla *Correction Form* (AF). Jekk tkun trid iżżid jew tnaqqas mis-*self-assessment* tiegħek għandek timla *Adjustment Form* (AF1) li hija formola apposta li biha tista' tibdel is-*self-assessment* tiegħek. Wara li

tkun imlejt l-*Adjustment Form*, se jinħariġlek Rendikont tat-Taxxa ġdid u li jieħu post ir-Rendikonti ta' qablu. Dawn tista' takkwisthom mit-*Taxpayer Service* tad-Dipartiment.

## IL-FORMOLA TA' KOPPJA MIŻŻEWĠA

### Formola Komuni (Joint)

Koppja miżżewġa għandha tiddikjara d-dħul kollu tagħha fuq formola komuni li għandha tkun iffirmata miż-żewġ konjuġi. Madanakollu jekk il-formola tkun iffirmata mill-konjuġi responsabbli biss, din tkun meqjusa bħala korretta.

**Importanti jingħad li għall-fini tas-*Self-Assessment* id-definizzjoni ta' Koppja Miżżewġa tinkludi koppja f' Unjoni Ċivili.**

### Koppji li żżewġu fl-2018

Il-formola tat-taxxa tal-konjuġi responsabbli għandha tinkludi (1) l-*income* tiegħu għas-sena 2018 kollha u (2) l-*income* tal-konjuġi l-ieħor mid-data taż-żwieġ sal-31 ta' Diċembru 2018. Ir-rati tat-taxxa ta' miżżewġin jew il-komputazzjoni separata tat-taxxa japplikaw.

Il-formola tal-konjuġi l-ieħor trid tkopri l-income mill-1 ta' Jannar 2018 sad-data taż-żwieġ. Ir-rati ta' taxxa ta' 'Persuna Waħidha' japplikaw f'dan il-każ.

### Konjuġi Responsabbli

Il-koppja għandha tagħżel min minnhom it-tnejn ikun il-konjuġi responsabbli billi timtela l-formola apposta li tista' tinkiseb mit-*Taxpayer Service*, *Servizz.gov Hub.*

Il-kelma "Tiegħi" użata fil-formola tirreferi jew għal persuna waħidha jew għall-konjuġi responsabbli. Fin-numri 1 sa 8 tal-formola għandu jiġi ddikjarat id-dħul minn emolumenti jew negozju tal-konjuġi responsabbli fil-kolonna tax-xellug (taħt "Tiegħi"). Id-dħul minn emolumenti jew negozju tal-konjuġi l-ieħor għandu jiġi ddikjarat fil-kolonna tal-lemin (taħt "Tal-Konjuġi").

Jekk għandek jgħixu miegħek xi wlied dipendenti minnek li mhux mistenni minnhom li jimlew formola tat-taxxa għandek tniżżel id-dħul, it-tnaqqis u l-krediti tat-taxxa fil-kaxex li jirreferu għall-konjuġi responsabbli. Dwar dawn ukoll trid tibgħat id-dokumenti neċessarji.

### Komputazzjoni Separata

Jekk issib li l-komputazzjoni separata tkun taqblilkom aktar, allura applika r-rati ta' persuna waħidha għal kull wieħed mill-konjuġi. Il-komputazzjoni separata tat-taxxa għal koppja miżżewġa ma tapplikax għall-*income* kollu. Tapplika biss għal dak l-*income* li jkun ġej minn impjieg, negozju jew pensjoni li wieħed jirċievi mill-impieg ta' qabel. Dħul ieħor jiġi ntaxxat fuq il-konjuġi li jkollu l-ogħla *income* minn emolumenti u negozju. *Directors' fees* huma dejjem intaxxati f'idejn il-konjuġi responsabbli, kemm meta dawn ikunu tal-konjuġi responsabbli kif ukoll meta jkunu tal-konjuġi l-ieħor. Komputazzjoni separata ma tfissirx li jridu jimtlew żewġ formoli tat-taxxa. Lanqas ma tfisser li se joħorġu żewġ rendikonti. Ir-rendikont tat-taxxa jinħareġ fuq il-konjuġi responsabbli, iżda r-responsabilità tal-ħlas hija taż-żewġ konjuġi.

### Ġenituri Waħidhom *(Single Parents)*

Nies romol, separati, divorzjati u individwi oħrajn mhux miżżewġin li jmantnu lil uliedhom jistgħu japplikaw ir-rati ta' taxxa ta' miżżewweġ u mhux ta' persuna waħidha. Dan ifisser mhux biss li t-taxxa ma taqbadhomx fuq l-ewwel €12,700 imma wkoll li jiġu applikati r-rati ta' miżżewweġ – u għalhekk iħallsu taxxa inqas. Biex wieħed igawdi minn dan il-benefiċċju jrid jissodisfa

dawn il-kundizzjonijiet kollha:

- Il-ġenitur kien imantni wild li fl-2018 ma kienx għalaq is-16-il sena (f'każ li dan għalaq is-16 imma kien student full-time jew kien inkapaċitat milli jmantni lilu nnifsu, l-individwu jikkwalifika għall-benefiċċju xorta waħda);
- dan il-wild ma kellux income ta' aktar minn €3,400 fis-sena;
- il-ġenitur kien rikonoxxut mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali bħala l-uniku ġenitur li għandu dritt jirċievi ċ-*children's allowance*;
- il-ġenitur ma kienx qiegħed jirċievi għajnuna finanzjarja mill-ġenitur l-ieħor rigward il-wild;
- il-ġenitur ma kienx qiegħed jgħix fl-istess dar mal-ġenitur l-ieħor.

Jekk inti tikkwalifika bħala ġenitur wieħed (*single parent*), qis li timmarka korrettament it-tax status tiegħek fuq il-formola.

## Koppji li sseparaw jew iddevorzjaw

Fil-każ ta' koppja li tkun isseparat jew iddevorzjat, sew ir-raġel kif ukoll il-mara għandhom l-obbligu li jkunu rreġistrati separatament bħala taxpayers fil-kapaċità personali tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' notifika lid-dipartiment dwar id-data tas-separazzjoni u dwar l-arranġamenti tas-separazzjoni fir-rigward ta' manteniment lill-konjuġi u/jew lit-tfal fejn dan ikun il-każ.

Kull konjuġi huwa responsabbli għall-mili tal-formola tiegħu/tagħha u li jkopri d-dħul mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru. Kull individwu jiġi ntaxxat bħala 'Persuna Waħidha' u jkun responsabbli għall-ħlas tat-taxxa relattiva fuq id-dħul. Fil-każ li l-individwu jikwalifika bħala 'Ġenitur Waħdu', japplikaw ir-rati ta' 'Miżżewweġ'.

Fil-każ li d-dħul ikun ġej minn impjieg, FS3 separata għal kull persuna li turi d-dħul kollu tas-sena trid tinhemeż mal-formola tat-taxxa rispettiva.

F'każijiet ta' separazzjoni jew divorzju huwa importanti li d-dipartiment ikun notifikat bill-bidla fl-indirizzi tal-konjuġi.

## Komputazzjoni Ġenitur

Dawn ir-rati tat-taxxa japplikaw għal dak il-ġenitur li jkun ipprovda l-manteniment ta' tifel jew tifla taħt il-kustodja tiegħu, jew ikun ħallas il-manteniment fir-rigward tat-tifel jew tifla tiegħu hekk kif:

a) stabbilita mill-Qrati ta' Malta jew mill-Qrati ta' pajjiż ieħor;
b) miftiehem b'att pubbliku ta' separazzjoni personali taħt l-awtorità tal-Qrati ta' Malta jew tal-Qrati ta' pajjiż ieħor;
ċ) b'att pubbliku fejn ġie stabilit il-manteniment tat-tifel jew tifla; jew
d) ordnat mill-Qrati ta' Malta f'sentenza jew digriet dwar divorzju jew mill-Qrati jew awtoritajiet oħra ta' pajjiż ieħor.

Dawn ir-rati japplikaw biss fejn it-tifel jew it-tifla ma jkunux għalqu t-tmintax-il sena (jew ma jkunux għalqu t-tlieta u għoxrin sena jekk ikunu qed jirċievu edukazzjoni fuq bażi full-time fi stabbiliment ta' edukazzjoni terzjarja) u ma jkunux qed jaħdmu bi qligħ, jew jekk ikunu qed jaħdmu bi qligħ ma jkunux qalgħu income ta' aktar minn €3,400.

Dawn ir-rati ta' taxxa ssibhom fl-aħħar paġna ta' dan il-ktejjeb.

# DETTALJI PERSONALI

**Dettalji dwar l-Identità**
Iċċekkja d-dettalji dwar l-identità li hemm stampati fl-ewwel paġna tal-formola tat-taxxa u agħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-ispazju provdut apposta. Jekk jogħġbok niżżel in-numru tat-telefon fl-ewwel paġna. F'każ ta' koppja miżżewġa uħud mid-dettalji stampati jirreferu għall-konjuġi l-ieħor skont it-tagħrif li għandna d-Dipartiment bħalissa.

**Bidliet fid-dettalji personali**

Huwa importanti li bidla fl-indirizz jew bidla li taffettwa l-istat ċivili tiegħek li seħħ matul is-sena, għandha tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi immedjatament.

***Tax status***

Fl-ewwel faċċata tal-formola hemm stampat it-tax status tiegħek, jiġifieri jekk intix "persuna waħidha" jew "miżżewġin u ngħixu flimkien". Jekk it-tax status stampat fuq l-ewwel faċċata huwa korrett m'għandek għalfejn timmarka xejn. Jekk inbidel, indika t-tax status ġdid tiegħek billi timmarka l-kaxxa t-tajba u tniżżel id-data meta seħħet il-bidla fl-istatus. Pereżempju jekk inti persuna waħidha imma tikkwalifika bħala *single parent* fl-2018, immarka l-kaxxa "ġenitur wieħed". Jekk inti miżżewweġ imma fl-2018 sirt armel jew isseparajt, immarka l-kaxxa "armel" jew "separat/divorzjat", skont il-każ. Tinsiex tniżżel id-data ta' meta seħħet il-bidla fl-istatus tiegħek.

**Status ta' Residenza**

Minħabba li l-*income* ta' *taxpayers* li mhumiex residenti f'Malta huwa ntaxxat b'rati differenti minn dawk li japplikaw għal min hu residenti f'Malta, jeħtieġ li fuq il-formola tat-taxxa kulħadd jindika x'kien l-istatus ta' residenza tiegħu għal skopijiet ta' taxxa.

**Persuni mhux residenti f'Malta**

Bħala regola ġenerali, persuna impjegata iżda li mhix residenti f'Malta u li tqatta' perjodu ta' inqas minn 183 jum f'Malta, hija ntaxxata bir-rati ta' *Non Resident*. Madanakollu, fejn individwu jipprova għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li l-kuntratt tal-impjieg tiegħu ikopri perjodu li jeċċedi 6 xhur fuq perjodu ta' 12-il xahar, dan jikkwalifika biex jiġi ntaxxat bir-rati normali (*Resident Rates*). Dan japplika wkoll meta fis-sena ta' stima in kwistjoni l-perjodu ta' impjieg ikun inqas minn 183 jum.

Jekk twieġeb 'Iva' għall-ewwel mistoqsija (jiġifieri kont residenti f'Malta) m'għandekx għalfejn twieġeb it-tieni u t-tielet mistoqsija u tista' tibda timla l-parti li jmiss tal-formola. Jekk twieġeb 'Le' għall-ewwel mistoqsija (jiġifieri ma kontx residenti f'Malta għal skopijiet ta' taxxa) allura trid twieġeb it-tieni u/jew it-tielet mistoqsija u tniżżel it-tul ta' żmien li matulu kont Malta.

Jekk kont Malta għal aktar minn perjodu wieħed ehmeż lista tad-dati rilevanti ma' paġna 3 tal-formola.

**Tagħrif dwar it-taxxa ta' persuni mhux residenti f'Malta (Unjoni Ewropeja u Żona Ekonomika Ewropeja.) - Artikolu 56 (1) (c) ITA**

Individwi impjegati iżda mhux residenti f'Malta li ġejjin mill-Unjoni Ewropeja (UE) jew miż-Żona Ekonomika Ewropeja (ŻEE), li jaqilgħu aktar minn 90% tad-dħul globali tagħhom f'Malta, jikkwalifikaw għar-rati tat-taxxa ta' residenti (*Resident Rates*) skont il-proviso tal-artikolu 56 (1) (c ) tal-Att dwar it- Taxxa fuq l-*Income*.

Madankollu, meta individwu impjegat iżda mhux residenti f'Malta, li jkun ta' nazzjonalita' ta' xi pajjiż tal-U.E jew taż-Ż.E.E li ma jkollux 90% tad-dħul globali gej minn Malta, hu jista' jagħżel li jiġi ntaxxat billi japplika l-aktar kalkolu ta' taxxa favorevoli għalih kif spjegat fl-eżempji li ġejjin:

**EŻEMPJU 1**
Individwu mhux residenti f'Malta u li huwa ta' nazzjonalità ta' pajjiż tal-Unjoni Ewropeja, għandu €8,000 dħul taxxabbli f'Malta filwaqt li d-dħul globali kollu tiegħu huwa ta' € 10,000.

F'dan il-każ dan l-individwu, għalkemm ma għandux 90% tad-dħul globali ġej minn Malta, jista' juża l-għażla fit-taxxa bil-mod kif spjegat hawn taħt ;

**Stadju 1.** Ikkalkula t-taxxa fuq id-dħul taxxabbli hawn Malta (€8,000) billi tuża r-rati ta' persuna mhux residenti (*Non resident Rates*). F'dan il-każ l-ammont ta' taxxa hija €1,960;

**Stadju 2.** Ikkalkula t-taxxa fuq id-dħul globali (€10,000) billi tuża ir-rati tat-taxxa ta' resident. F'dan l-eżempju t-taxxa tammonta għal €135;

**Stadju 3.** Iddividi d-dħul taxxabbli f'Malta bid-dħul globali €8,000 / €10,000 = 0.8;

**Stadju 4.** Immultiplika r-riżultat ta' Stadju 3 (0.8) bir-riżultat fi Stadju 2 (€135) = €108;

**Stadju 5.** Agħżel l-anqas ammont minn Stadju 1 (€1,960 - bir-rati tat-taxxa ta' persuna mhux residenti) jew ir-riżultat ta' Stadju 4 (€108);

**Stadju 6.** Ittrasferixxi l-ammont magħżul fl-Istadju 5 ġo kaxxa 26 fuq paġna 3 tal-prospett tat-taxxa.

**EŻEMPJU 2**
Koppja mhux residenti f'Malta li hi ta' nazzjonalita' ta' pajjiz fiż-Ż.E.E għandha dħul aggregat f'Malta ta' €49,200, filwaqt li d-dħul globali kollu totali tagħhom huwa ta' € 60,000.

**Stadju 1.** Ikkalkula t-taxxa fuq id-dħul taxxabbli hawn Malta (€49,200) billi tuża r-rati ta' persuni mhux residenti. F'dan il-każ l-ammont ta' taxxa huwa €16,380;

**Stadju 2.** Ikkalkula t-taxxa fuq id-dħul globali (€60,000) billi tuża r-rati tat-taxxa ta' resident. F'dan l-eżempju t-taxxa tammonta għal €11,095;

**Stadju 3.** Iddividi d-dħul taxxabbli f'Malta bid-dħul globali €49,200 / €60,000 = 0.82;

**Stadju 4.** Immultiplika r-riżultat ta' Stadju 3 (0.82) bir-riżultat ta' Stadju 2 (€11,095) = € 9,098;

**Stadju 5.** Agħżel l-anqas ammont minn Stadju 1 (€16,380 - bir-rati tat-taxxa ta' persuna mhux residenti) jew ir-riżultat ta' Stadju 4 (€ 9,098);

**Stadju 6.** Ittrasferixxi l-ammont magħżul fl-Istadju 5 ġo kaxxa 26 fuq paġna 3 tal-prospett.

**EŻEMPJU 3**
Individwu mhux residenti f'Malta u li huwa ta' nazzjonalità ta' pajjiż fiż-Ż.E.E għandu €8,000 dħul taxxabbli f'Malta, filwaqt li d-dħul globali kollu tiegħu huwa ta' €200,000.

**Stadju 1.** Ikkalkula t-taxxa fuq id-dħul taxxabbli hawn Malta (€8,000) billi tuża r-rati ta' persuni mhux residenti. F'dan il-każ l-ammont ta' taxxa huwa ta' €1,960;

**Stadju 2.** Ikkalkula t-taxxa fuq id-dħul globali (€200,000) billi tuża r-rati tat-taxxa ta' residenti. F'dan l-eżempju t-taxxa tammonta għal €61,275;

**Stadju 3.** Iddividi d-dħul taxxabbli f'Malta bid-dħul dinji. €8,000 / €200,000 = 0.04;

**Stadju 4.** Immultiplika r-riżultat ta' Stadju 3 (0.04) bir-riżultat ta' Stadju 2 (€61,275) = €2,451;

**Stadju 5.** Agħżel l-anqas ammont minn Stadju 1 (€1,960 - bir-rati tat-taxxa ta' persuna mhux residenti) jew ir-riżultat ta' Stadju 4 - (€2,451);

**Stadju 6.** Ittrasferixxi l-ammont magħżul fl-Istadju 5 ġo kaxxa 26 fuq paġna 3 tal-prospett tat-taxxa.

Jekk għandek xi dubju dwar l-istatus tar-residenza tiegħek għal skopijiet ta' taxxa tista' ċċempel il-*Call Centre* tagħna fuq 153 jew tmur it-*Taxpayer Service, Servizz.gov Hub.*

**Persuni Barranin**

Din il-parti tal-formola għandha timtela biss minn persuni barranin. Dawn għandhom jimmarkaw il-kaxxa jew kaxex li japplikaw għalihom.

**Emendi fuq it-taxxa rigward persuni barranin**

**It-taxxa fuq remissjoni tad-dħul f'Malta**

Il-prinċipju ta' remissjoni tat-taxxa fil-każ ta' income li jinqala' barra minn Malta u li jasal f'Malta m'għadux japplika għal individwu li huwa residenti fit-tul, jew li għandu ċertifikat ta' residenza permanenti jew il-karta ta' residenza permanenti, fir-rigward ta' kwalunkwe dħul li ġej minn tali persuna fis-sena li ngħata l-istatus tar-residenza fit-tul jew id-dritt ta' residenza permanenti fi snin sussegwenti. It-termini "residenza fit-tul", "ċertifikat ta' residenza permanenti", u "karta tar-residenza permanenti" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom rispettivament fir-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) u l-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom. Dan japplika mis-sena ta' stima 2019.

**Individwi mhux domiċiljati f'Malta**

Jekk immarkajt "IVA", għall-mistoqsija M4 f'paġna 1 tal-Prospett tat-Taxxa, b'effett minn sena ta' stima 2019, individwu li huwa *resident ordinarju imma mhux domiċiljat f' Malta se jkun suġġett għat-taxxa fuq id-dħul tiegħu li tammonta għal mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000) kull sena.

Dan japplika għal:

- Individwu ma jkunx taxxabbli f'Malta skont xi skema li tistabbilixxi l-ammont minimu ta' taxxa f'Malta, li jinkludu l-Program ta' Residenza, il-*Global Residence Programme,* Malta Retirement Programme u r-*Residents Scheme Regulations*; u
- *Income* li jinqala' barra minn Malta li jammonta għal mhux anqas minn €35,000 u li ma rċevejtux f'Malta, jew l-ekwivalenti f'munita oħra – fil-każ tal-koppja miżżewġa, wieħed irid jieħu l-income miksub miż-żewġ konjuġi.

Meta ssir il-komputazzjoni tat-taxxa minima, għandu jittieħed kont ta' kull taxxa imħallsa f' Malta, kemm f'*Witholding Tax* jew b'mod ieħor, eskluż it-taxxa mħallsa fuq qligħ kapitali.

Jekk id-dħul, eskluż qligħ kapitali taxxabbli f'idejn tali individwu jammonta għal anqas mit-taxxa minima, huwa għandu jiġi meqjus li rċieva dħul addizzjonali f'Malta li nqala' barra minn Malta b'tali mod li t-taxxa totali li għandha titħallas fuq id-dħul totali tiegħu trid tammonta għal taxxa minima ta €5,000.

**Eżempju**

Persuna miżżewġa li hija residenta ordinarja imma li ma hiex domiċiljat f'Malta, kellha fl-2018 dħul minn barra minn Malta li jammonta għal €40,000 li minnu ma saritx remissjoni f'Malta.

Fis-*Self-Assessment* din il-persuna tiddikjara dħul taxxabbli ta' €28,000 fi dħul ġenerat hawn Malta. Dan l-ammont jidaħħal fil-kaxxa 25 tal-prospett tat-taxxa.

It-taxxa fuq €28,000 meta kkalkolata bir-rati tat-taxxa ta' Miżżewġin tammonta għal €2,975. Dan l-ammont huwa mdaħħal fit-Taqsima 26 tal-prospett tat-taxxa.

**Madankollu, peress li l-income minn barra minn Malta jeċċedi l-€35,000, it-**

*Irreferi għal websajt tagħna għal Gwida teknika ta' terminoloġija wżata

**taxxa minima pagabbli ta' €5,000 tapplika. Għaldaqstant l-ammont ta' €5,000 għandu jiddaħħal fil-kaxxa 27 tal-prospett.**

Minn dan l-ammont ta' €5,000, wieħed jista' jnaqqas ħlas ta' taxxa li saret kif jidher fl-eżempju ta' hawn taħt **bl-eċċezzjoni tat-Taxxa fuq Trasferiment ta' Proprjeta' mħallsa:**

| | | |
|---|---|---|
| Taxxa imħalsa bl-FSS | €400 | Kaxxa 35 |
| Taxxa minn ras il-għajn fuq dividendi lokali | €50 | Kaxxa 38 |
| 15% taxxa mħallsa fuq xogħol part-time (self employed) Formola TA22 | €0 | Kaxxa 40 |
| 15% taxxa fuq kirjiet (formola TA 24) | €120 | Kaxxa 40 |
| Taxxa imħallsa minn ras il-għajn fuq dħul minn investiment. | €70 | Kaxxa 40 |
| Ħlas ieħor ta' taxxa | €0 | Kaxxa 40 |
| **Taxxa totali imħallsa** | **€640** | |

Fl-eżempju ta' hawn fuq l-ammont ta' taxxa dovuta huwa ta' €4,360 (€5,000 - €640) li għandu jiddaħħal fil-kaxxa 42a. **Ħelsien mit-taxxa doppja jista' ukoll jiġi mnaqqas**.

**Bil-Malti jew bl-Ingliż**
Min jixtieq li l-formola tkun bil-lingwa Ingliża jista' jagħmel dan billi jikkuntattja lid-dipartiment.

**Dikjarazzjoni**
Id-dikjarazzjoni li hemm fl-ewwel faċċata tal-formola għandha tkun iffirmata u ddatata mit-*taxpayer* li huwa mistenni li jibgħat il-formola jew mill-persuna li tkun qed timlieha f'ismu. Il-formola ma tkunx meqjusa li tkun kompluta jekk ma tkunx iffirmata kif suppost.

Fil-każ ta' koppja miżżewġa l-formola għandha tkun iffirmata miż-żewġ konjuġi. Jekk tkun iffirmata mill-konjuġi responsabbli biss, il-formola xorta waħda tkun meqjusa li ġiet mimlija bil-kunsens tal-konjuġi l-ieħor ukoll.

## INFORMAZZJONI OĦRA

**Parir Professjonli**

Agħmel sinjal fil-kaxxa jekk mal-formola tat-taxxa qiegħed tehmeż il-parir bil-miktub oriġinali, mogħti minn professjonist dwar it-taxxa, skont l-Att dwar it-taxxa fuq l-*income*. Imla l-isem u l-kunjom tal-professjonist dwar it-taxxa fl-ispazju pprovdut.

**Bażi ġenerali tat-Taxxa**
Jekk inti domiċiljat u ordinarjament residenti f'Malta għandek tiddikjara d-dħul kollu tiegħek għall-2018 (inkluż dak tal-konjuġi u tal-ulied dipendenti minnek). Jekk m'intix domiċiljat jew m'intix ordinarjament residenti f'Malta għandek tiddikjara d-dħul kollu dovut lilek jew derivat minnek minn Malta (inkluż dak tal-konjuġi u tal-ulied dipendenti minnek), kif ukoll kull dħul ieħor li ġie riċevut f'Malta matul l-2018.

**X'tagħmel biċ-ċenteżmi**
Meta timla l-formola tat-taxxa uri l-ammonti kollha f'ewro: ħalli ċ-ċenteżmi barra. Dan tista' tagħmlu b'dan il-mod:

- Meta tiġi biex tikteb id-DĦUL tiegħek injora ċ-ċenteżmi għal kollox, dwar kull sors ta' income, anki jekk l-ammont ikun ta' 99 ċenteżmu. Pereżempju jekk kellek salarju ta' €11,155.65 għandek tikteb biss €11,155 fil-kaxxa numru 1. Jekk irċevejt tliet imgħaxijiet ta' €210.84, €48.34 u €24.68, l-ewwel għoddhom flimkien. Dawn jammontaw għal €283.86. Hawnhekk għandek telimina ċ-ċenteżmi (86ċ) u tikteb €283 fil-kaxxa 9b.
- Meta tiġi biex tikteb it-TNAQQIS għandek dejjem tgħollih għall-ewro li jmiss. Pereżempju jekk kellek tagħmel tnaqqis mill-kera ta' €60.45 għandek tikteb €61 fil-kaxxa 16b. M'hemmx għalfejn li l-ammont ikun qabeż il-50ċ biex tgħollih għal €1 sħiħ.
- Meta tiġi biex tikkalkola t-taxxa, jiġifieri minn taqsima 26 'il quddiem, għandek tinjora kompletament kull frazzjoni ta' ewro li tkun daqs jew inqas minn ħamsin ċenteżmu, u tikkalkola lejn l-eqreb ewro kull frazzjoni ta' ewro li teċċedi l-ħamsin ċenteżmu.

# TAGĦRIF FUQ TNAQQIS TA' SPEJJEŻ U KREDITI TA' TAXXA

**Kreditu ta' taxxa li jingħata lil persuna li tirritorna għall-impjieg**

Persuni li fl-2018 irritornaw għax-xogħol, kemm f'impjieg kif ukoll fuq xogħol għal rashom jistgħu jibbenefikaw minn kreditu ta' taxxa.

1. Kreditu ta' taxxa sa massimu ta' €2000 għall-persuna li tkun għadha ma laħqitx l-età tal-irtirar u li tirritorna għal impjieg fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2008 wara li tkun ilha nieqsa minn kull attività bi qligħ għal mill-anqas ħames snin minnufih qabel id-data ta' dak ir-ritorn għal impjieg u li ismimhom ma kienx waqt l-imsemmi żmien fuq rreġistru tal-qgħad (Partijiet 1 u 2) kif stabbilit mill-JobsPlus u li ma kienet qatt irċeviet pensjoni minħabba fl-impjieg preċedenti qabel id-data ta' dak ir-ritorn għal impjieg u li, barra minn hekk, preċedentement kellha impjieg għal mill-anqas erbgħa u għoxrin xahar konsekuttiv. Dan il-kreditu għandu jintalab fuq il-formola RA4.

2. mara li jkollha wild li jkun jew ulied li jkunu taħt is-sittax-il sena u tirritorna għal impjieg fl-1 ta' Jannar, 2008 jew wara dik id-data, wara li tkun ilha nieqsa minn kull attività bi qligħ għal mill-anqas ħames snin minnufih qabel id-data ta' dak ir-ritorn għal impjieg; jew

3. mara li jkollha wild imwieled jew ulied imwielda fl-1 ta' Jannar, 2007 jew wara dik id-data, u tkompli f'impjieg, jew tirritorna għal impjieg fl-1 ta' Jannar, 2007 jew wara dik id-data, jistgħu jibbenefikaw minn krediti ta' taxxa kif ġej:

   a) Kreditu ta' taxxa sa massimu ta' €2,000. Jekk il-kreditu ma tiħdux kollu f'sena waħda, tista' tgawdi l-kumplament tal-€2,000 billi dan jiġi mgħoddi għas-sena ta' wara. F'dan il-każ, wieħed għandu jimla l-formola RA7, li tista' tinkiseb mis-sezzjoni tat-*Taxpayer Service*, Blokk 4; jew

   b) Kreditu tat-taxxa sa massimu ta' €5,000 li weħilt fuq id-dħul minn impjieg jew xogħol għal rasek. Jiġifieri, anki jekk it-taxxa tiegħek fuq l-impjieg jew xogħol għal rasek hi iżjed minn €2,000, dik it-taxxa ma tħallashiex sa massimu ta' €5,000.

   Jekk inti tagħżel dan it-tip ta' kreditu ta' taxxa għandek timla l-formola RA9 li tista' tinkiseb mis-sezzjoni tat-*Taxpayer Service*, Blokk 4. Jekk tagħżel b), koppja miżżewġa trid bilfors taħdem it-taxxa taż-żewġ konjuġi bil-komputazzjoni Separata jew dik ta' Ġenitur.

F'każ ta' diffikultà ċempel lill-*Call Centre* tad-dipartiment fuq 153.

**Tnaqqis għall-aċċessibilità fuq il-post tax-xogħol**

Meta min iħaddem jagħmel spiża biex itejjeb l-aċċessibilità fuq il-post tax-xogħol tiegħu lill-impjegati bi ħtiġijiet speċjali, jista' jitlob din l-ispiża bħala tnaqqis mid-dħul tiegħu għal dik is-sena. It-tnaqqis totali mitlub ma

jistax jaqbeż l-€20,000. Iżda f'każ li dak it-tnaqqis ma jkunx jista' jittieħed kollu kontra d-dħul għas-sena li fiha tkun saret l-ispiża, dan għandu jiġi trasferit 'il quddiem u jinqata' kontra d-dħul għas-snin sussegwenti wara xulxin.

L-ispejjeż li jikkwalifikaw jinkludu spejjeż ta' natura kapitali (eż; installazzjoni ta' lift) u spiża magħmula fit-taħriġ ta' impjegati b'diżabilità għall-fini tat-twettiq tax-xogħol tagħhom.

Biex wieħed jikkwalifika għal dan it-tnaqqis irid l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità wara li ssir applikazzjoni u jkun meħtieġ li jimla l-formola RA 12. L-ispiża mitluba hekk kif ikkalkulata f'din il-formola tkun trid tiġi inkluża fir-rendikont tal-*Profit and Loss* li għandu jintbagħat mal-formola tat-taxxa.

**Tnaqqis ta' spiża għall-faċilitajiet ta' *childcare* fuq il-post tax-xogħol**

Meta min iħaddem jagħmel spiża biex ikun ipprovdut servizz ta' *childcare* għat-tfal tal-impjegati tiegħu fuq il-post tax-xogħol jista' jitlob tnaqqis ta' spiża sa massimu ta' €20,000. Fil-każ li dak it-tnaqqis ma jkunx jista' jittieħed kollu kontra d-dħul ta' dak l-individwu jew tal-konjuġi, dan għandu jiġi trasferit 'il quddiem u jinqata' kontra d-dħul għas-snin sussegwenti wara xulxin.

L-ispejjeż li jikkwalifikaw iridu jkunu ta' natura kapitali u jkunu jikkonsistu (a) bini ta' faċilità ta' childcare fuq il-post tax-xogħol jew tibdil fl-istruttura li diġa teżisti fuq il-post tax-xogħol u/jew (b) akkwist ta' tagħmir ta' childcare għall-użu fil-faċilità ta' *childcare* fuq il-post tax-xogħol. Il-persuna li qed titlob dan it-tnaqqis trid tissottometti lill-Kummissarju, (flimkien mal-formola tat-taxxa), il-formola RA 13 li tista' tinkiseb minn fuq il-websajt tagħna.

**Tnaqqis ta' donazzjonijiet mogħtija lill-*University Research, Innovation and Development Trust***

Ara sezzjoni 20 għal aktar dettalji fuq dan it-tnaqqis.

**Kreditu ta' taxxa lil intrapriżi żgħar (*MicroInvest*)**

Dan l-inċentiv hu miftuħ għal persuni self-employed illi jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-*Malta Enterprise*. Il-*Malta Enterprise* tista' tapprova kreditu ta' taxxa li jammonta għal €50,000 għal perjodu ta' dan l-inċentiv. Għal aktar informazzjoni fuq din l-iskema wieħed jista' jżur il-websajt tal-*Malta Enterprise* – maltaenterprise.com.mt. Il-kreditu ta' taxxa mitlub għandu jsir permez tal-formola RA 15. Mill-1 ta' Jannar 2016 din l-iskema ġiet estiża sabiex tintitola nisa impjegati għal rashom jew negozji li huma b'maġġoranza kkontrollati minn nisa għal kreditu ta' taxxa sa massimu ta' €50,000.

**Inċentiv lil Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja**

Persuni barranin li jirċievu d-dħul pagabbli taħt forma ta' "kuntratt ta' impjieg kwalifikanti" fir-rigward ta' attivitajiet imwettqa f'Malta, jistgħu jagħżlu li jkunu suġġetti għat-taxxa fuq dak l-income b'rata fissa ta' 15%, bil-kundizzjoni li d-dħul jammonta għal mill-anqas €84,016, aġġustat annwalment skont l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut. Ir-rata fissa ta' 15% hi applikabbli sa dħul massimu ta' €5,000,000 u l-eċċess huwa eżenti mit-taxxa.

Sabiex benefiċjarju jkun jista' jikkwalifika għar-rata mnaqqsa ta' taxxa, irid ikun f'impjieg li jikkostitwixxi 'kariga eliġibbli'.

Il-"kariga eliġibbli" tikkonsisti f'pożizzjoni għolja ta' impjieg speċifikata ma' kumpanniji liċenzjati u/jew rikonoxxuti mill-Awtorità dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA), l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob u l-Awtorità tat-Trasport.

L-impjiegi eliġibbli jidhru fl-iskedi rispettivi fl-Avviżi Legali 106, 428 tal-2011 u 306 tal-2012.

L-applikazzjoni għandha ssir lill-MFSA fuq formola RA17 li tista' titniżżel mill-websajt tas-CFR u/jew tal-MFSA. Il-formola mimlija għandha tiġi mehmuża mal-prospett tat-taxxa u ppreżentata sat-30 ta' Ġunju 2019.

**Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività – Avviż Legali 106/2013**

Din l-iskema hi applikabbli għal individwi li għandhom dħul minn emolumenti li jkunu mħallsa taħt kuntratt kwalifikanti ta' impjieg u li jkunu ġew riċevuti għal xogħol jew dmirijiet li jkunu twettqu f'Malta minn individwu li ma jkunx domiċiljat f'Malta.

Kuntratt kwalifikanti ta' impjieg jikkonsisti fi dħul suġġett għat-taxxa skont l-artikolu 4 (1)(b) tal-Att dwar it-Taxxa suġġett għal minimu ta' €45,000. L-impjieg irid ikun direttament jinvolvi l-iżvillupp ta' prodotti diġitali innovattivi u kreattivi hekk kif approvati mill-*Malta Enterprise.*

Il-benefiċjarju jrid jippossedi kwalifiċi professjonali rikonoxxuti mill-*Malta Qualification Recognition Information Centre* jew ikollu esperjenza tal-impjieg eliġibbli hekk kif approvat mill-*Malta Enterprise.*

Individwu li jibbenefika minn dawn ir-regoli jiġi ntaxxat taħt artikolu 56 (21) tal-Att dwar it-Taxxa bir-rata ta' 15%. Meta ssir din l-għażla, id-dħul taxxabbli b'din ir-rata jkun jikkostitwixxi l-ewwel parti tad-dħul totali tal-individwu.

Din l-għażla tapplika għal tliet snin konsekuttivi mis-sena li tippreċedi l-ewwel sena ta' stima li tagħha l-individwu jkun suġġett għat-taxxa taħt l-Att. Din il-kundizzjoni tapplika kemm għal individwi miż-Żona Ekonomika Ewropeja, kemm għal dawk Svizzeri kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Ir-Regoli (A.L 106/2013) jipprovdu skeda b'lista ta' karigi li jikwalifikaw u li huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-*Malta Enterprise*. Għall-iskop ta' din l-iskema għandha timtela l-formola RA18, li tista' tinkiseb mid-dipartiment, u li għandha tiġi sottomessa mal-prospett tat-taxxa.

**Ripatriazzjoni ta' Persuni stabbiliti f'Qasam ta' Eċċellenza**

B'din l-iskema, xogħol li jsir hawn Malta minn persuna eliġibbli taħt kuntratt ta' impjieg jiġi ntaxxat bir-rata mnaqqsa ta' 15% kif kontemplata fl-artikolu 56(25).

Ir-regoli jipprovdu illi r-remunerazzjoni trid tkun tammonta għal ammont minimu ta' €75,000 u l-individwu eliġibbli jrid jipprova l-kompetenza professjonali tiegħu lil *Malta Enterprise.*

Individwu jitqies li hu eliġibbli għal din l-skema jekk huwa stabbilit f'qasam ta' eċċellenza u li jiġi lura bħala resident ordinarjament residenti f'Malta. L-individwu jrid ikun diġà resident ordinarju f'Malta għal perjodu ta' mill-inqas għoxrin sena imma li ma kienx residenti ordinarju f'Malta fl-għaxar snin konsekuttivi ta' qabel ir-ritorn tiegħu f'Malta.

F'dan il-kuntest "qasam ta' eċċellenza" tfisser qasam ta' kompetenza professjonali li fih

persuna eliġibbli jkun eċċella u liema qasam huwa rilevanti għas-setturi tal-manifattura, riċerka u żvillupp, kif jistà jkun imfisser fil-Linji Gwida li jinħarġu mill-*Malta Enterprise*.

L-għażla ta' din l-iskema ma tapplikax għas-snin ta' stima li jiġu qabel is-sena ta' stima 2013, filwaqt li hija applikabbli għal 5 snin konsekuttivi.

Individwu li jikkwalifika u li jrid jibbenefika minn din l-iskema jrid jibgħat dikjarazzjoni ffirmata flimkien mal-formola tat-taxxa u li tkun approvata mill-*Malta Enterprise*.

**Tnaqqis fit-taxxa rigward Apprendistat u Pjazzament ta' Xogħol - Avviż Legali 179/2014**

Persuna li tħaddem u li tipprovdi pjazzament ta' xogħol jew apprendistat, tista' tikkwalifika għal tnaqqis ekwivalenti għal €600 għal kull pjazzament ta' xogħol u €1,200 għal kull apprendistat. Dan it-tnaqqis huwa permess kontra d-dħul taxxabbli tal-imsemmija persuna.

Dan it-tnaqqis huwa permess biss meta l-pjazzament ta' xogħol jew apprendistat, skont il-każ kif ikun, huwa tal-inqas ta' 6 xhur kontinwi u fejn dan it-tnaqqis ma jkunx kollu paċut mad-dħul tal-persuna li tħaddem għas-sena li matulha saret l-ispiża, it-tnaqqis għandu jinġieb 'il quddiem u ssir it-tpaċija tiegħu kontra dħul tas-snin sussegwenti suċċessivament.

It-tnaqqis huwa permess biss meta l-persuna kwalifikanti ma tibbenefikax minn tnaqqis, kreditu ta' taxxa, jew kull forma oħra ta' assistenza fir-rigward tal-imsemmi impjieg mingħand il-Gvern jew entità oħra tal-Gvern.

**Tnaqqis għal Ħaddiema Maturi - Avviż Legali 180/2014**

Meta persuna li tħaddem tipprovdi impjieg lil persuna li l-età tagħha hija bejn 45 u 65 sena u li isimha jidher fuq ir-reġistru ta' nies qiegħda u li ilha fuq tali reġistru għal mill-inqas 6 xhur tista' tibbenefika minn tnaqqis ekwivalenti għal €5,800 fis-sena u li huwa permess kontra d-dħul taxxabbli tal-imsemmija persuna;

Is-sentejn tnaqqis jibdew mill-ewwel ġurnata tal-impjieg, u, sakemm l-impjegat jibqa' f'tali impjieg, persuna kwalifikanti tibbenefika minn tnaqqis ekwivalenti ta' €11,600 meta jgħaddu l-imsemmija sentejn;

Il-persuna li tħaddem tibbenefika wkoll minn tnaqqis ekwivalenti ta' 50% tal-ispejjeż magħmula fit-taħriġ tal-impjegat (sa massimu ta' €400). Dan it-tnaqqis għandu jkun permess kontra d-dħul taxxabbli tal-persuna kwalifikanti.

**Eżenzjoni ta' taxxa lil persuna miżżewġa li tirritorna għax-xogħol**

Koppja miżżewġa tista' tagħżel li tiġi ntaxxata bir-rati ta' taxxa ta' miżżewġin mingħajr ma jiġi ntaxxat id-dħul mill-impjieg tal-konjuġi (li ma jkunx dħul miksub minn uffiċċju ta' direttur), jekk:

- Il-konjuġi kien/et nieqes/nieqsa minn kull attività bi qligħ għal mill-inqas 5 snin u li isem dik il-persuna ma kienx waqt dan iż-żmien fuq ir-reġistru tal-qgħad (Taqsimiet 1 u 2) kif stabbilit minn JobsPlus
- Il-konjiġi għandu/għandha aktar minn 40 sena, u
- Id-dħul tal-konjuġi ma jaqbiżx € 9,700

Dan l-inċentiv japplika għal perjodu ta' ħames snin ta' stima konsekuttivi li tibda mis-

sena bażi li fiha l-konjuġi beda/bdiet xogħol. Wieħed irrid jimla il-formola RA19 biex ikun jista' jikkwalifika għal din l-eżenzjoni.

### Kreditu ta' taxxa fuq Skema Personali tal-Irtirar

Dan l-inċentiv tat-taxxa huwa maħsub sabiex jinkoraġġixxi r-residenti Maltin biex jibdew ifaddlu għall-pensjoni tagħhom billi jinvestu fi prodotti privati offruti mill-banek lokali, kumpanniji ta' assigurazzjoni tal-ħajja u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Hija tipprovdi għal kreditu ta' taxxa fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet imħallsa lill skemi ta' rtirar personali jew ħlasijiet ta' *premiums* fir-rigward ta' polza ta' assigurazzjoni.

L-ammont tal-kreditu ta' taxxa huwa ekwivalenti għall-inqas minn:

15% tal-aggregat ta' kwalunkwe kontribuzzjoni magħmula jew *premiums* imħallsa minn persuna matul is-sena fir-rigward ta' sħubija fi kwalunkwe skema ta' rtirar personali kif definiti fl-Att dwar Fondi Speċjali (Regolament) jew f'kull Att ieħor li jissostitwixxi dan l-Att, jew polza ta' assigurazzjoni miżmuma ma' kumpannija awtorizzata li tmexxi kummerċ fit-tul taħt l-Att tal-Assigurazzjoni tan-Negozju; u

€150.

Fil-każ ta' koppja miżżewġa residenti f'Malta, kull wieħed mill-konjuġi jista' jitlob il-kreditu (irrispettivament minn jekk ikunux użaw il-komputazzjoni ta' ġenitur, ta' persuna waħidha jew miżżewġa).

Il-kreditu ser ikun biss disponibbli fir-rigward ta' taxxa tad-dħul għas-sena li fiha tkun saret l-kontribuzzjoni jew il-*premium* u ma jistax jiġi ttrasferit għal sena oħra. Id-dħul li kontra tiegħu ikun ingħata l-kreditu ta' taxxa jiġi kkunsidrata bħala l-ewwel parti tad-dħul.

Dan il-kreditu tat-taxxa jista' jintalab fil-kaxxa 30 tal-prospett tat-taxxa.

### *Seed Investment Scheme*

L-iskema ta' *Seed Investment* toffri inċentiv f'forma ta' kreditu ta' taxxa lill-persuni residenti jew li joperaw f'Malta u li qegħdin jibdew investiment ġdid. Din l-inizjattiva daħlet fis-seħħ fll-1 ta' Jannar 2018 u tibqa' effettiva sal-31 ta' Diċembru 2020. Skont dawn ir-regoli, kull investitur kwalifikanti se jibbenefika minn kreditu tat-taxxa ta' 35% tal-valur aggregat tal-investimenti magħmula fil-kumpannija kwalifikanti, sakemm il-kreditu tat-taxxa totali ma jeċċedix l-€250,000 kull sena.

Il-kreditu jista' jiġi paċut kontra t-taxxa dovuta mill-investitur kwalifikanti fir-rigward ta ' kull dħul u l-qligħ li qala' fis-sena bażi meta sar l-investiment. Kull ammont ta' kreditu ta' taxxa li ma jkunx ġie kompletament assorbit jista' jinqata' kontra t-taxxa dovuta għas-snin ta' stima sussegwenti.

Biex wieħed jikkwalifika għal dan il-kreditu ta' taxxa jkun meħtieġ jimla l-formola RA20.

Il-kreditu ta' taxxa rilevanti jista' jiġi mnaqqas f' kaxxa 30 tal-prospett tat-taxxa.

Għal aktar informazzjoni fuq din l-iskema wieħed jista' jikkuntattja lil Mimcol jew iżur il-websajt mimcol.com.mt.

### Kreditu ta' taxxa fuq l-iskema Spiżerija tal-Għażla Tiegħek

Spiżeriji li jipprovdu s-servizz tat-twassil fid-djar tal-mediċina bħala parti mill-estensjoni tal-iskema Spiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC), jistgħu jikkwalifikaw għal kreditu

tat-taxxa ekwivalenti għall-100% ta' l-ispiża minfuqa minn kull spiżerija li tipparteċipa f'din l-estensjoni tal-POYC. Il-massimu ta' kreditu ta' taxxa huwa ta' €14,000. Il-kreditu tat-taxxa jkopri n-nefqa fuq il-vetturi u l-ħaddiema meħtieġa biex jingħata dan is-servizz ta' konsenja tal-mediċini fid-djar.

Il-kreditu tat-taxxa jkopri wkoll in-nefqa fuq xiri ta' tagħmir, kif kien jingħata fl-iskema oriġinali. Ma jista' jintalb l-ebda kreditu ta' taxxa għal kwalunkwe spiza li ntefqet wara l-31 ta' Diċembru 2020.

Għall-iskop ta' din l-iskema wieħed irid jimla l-forma RA22, li tista' tinkiseb mid-Dipartiment, u li għandha tiġi mimlija u sottomessa mal-prospett tat-taxxa. Il-kreditu ta' taxxa relevanti jista' jiġi mnaqqas f' kaxxa 30 tal-prospett tat-taxxa.

**Kreditu ta' taxxa dwar Kwalifiki Relevanti għall-Industrija – Formola RA10**

Dawn ir-Regoli jissostitwixxu r-regoli bl-istess titolu li qabel kienu amministrati mill-Malta Enterprise iżda li issa waqgħu taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Dawn jipprovdu kreditu ta' taxxa sa 70% tal-ispejjeż tal-istudju mħallsa minn student għal ċertifikazzjoni, Degree jew *Post Graduate Degree* kif approvat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni.

Il-kreditu tat-taxxa, li jkun effettiv mill-1 ta' Jannar 2018, jitnaqqas mit-taxxa tal-istudent fuq id-dħul taxxabbli tiegħu għas-sena ta' stima li tibda fis-sena wara dik li fiha tinkiseb il-kwalifika rilevanti. Kull kreditu ta' taxxa li ma jiġix assorbit jista' jiġi trasferit biex jitħalla bħala kreditu ta' taxxa għall-għaxar snin ta' stima sussegwenti.

Miżura ġdida hija li l-benefiċjarju tal-kreditu tat-taxxa jista' jkun jew l-istudent jew il-ġenituri tiegħu / tagħha.

L-ispejjeż tal-istudju jinkludu l-miżati mħallsa mill-istudent jew mill-ġenituri għall-università jew istituzzjoni kemm għall-ammissjoni kif ukoll għal attendenza għall-kors u għall-eżamijiet meħtieġa biex tinkiseb il-kwalifika rilevanti.

Id-dokumentazzjoni li ġejja għandha tiġi sottomessa bid-dikjarazzjoni tat-taxxa għall-ewwel sena ta' stima li fiha jintalab il-kreditu tat-taxxa:

a) Dikjarazzjoni li l-individwu li jitlob il-kreditu tat-taxxa ma kienx intitolat minn kwalunkwe sors għal xi rimborż jew kumpens għall-ispejjeż li fuqhom il-kreditu tat-taxxa ġie ddikjarat:

b) Kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-università jew istituzzjoni li tipprovdi l-kors, li jikkonferma it-tlestija b'suċċess tal-kors; u

c) Kopja taċ-ċertifikat tal-kreditu tat-taxxa maħruġ mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li jikkonferma li l-kwalifika miksuba hija kwalifika rilevanti.

L-ebda ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa ma jista' jinħareġ fir-rigward ta' kors ta' studju li jibda wara l-31 ta' Diċembru 2020 u fir-rigward ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-Ministeru wara sentejn mill-ġurnata li fiha tinkiseb il-kwalifika rilevanti. Għal dan il-għan għandha timtela l-formola rilevanti tal- RA 10 li għandha tiġi mehmuża mal-prospett tat-taxxa.

Il-kreditu tat-taxxa jista' jitnaqqas fil-Kaxxa 30 tal-prospett tat-taxxa.

**Impjieg fl-Avjazzjoni (Taxxa Personali) A.L 177/2016**

Din l-inizjattiva tipprovdi għar-rata tal-benefiċċju tat-taxxa ta' 15% għall-individwi mhux domiċiljat u li huma impjegati fis-settur tal-Avjazzjoni.

L-ammont minimu ta' dħul taxxabbli li jibbenefika minn din ir-rata huwa ta' €45,000 (bl-esklużjoni tal-valur annwali ta' kwalunkwe *Fringe Benefit*) u għandu jikkonsisti f' emolumenti minn uffiċċju eliġibbli. Il-15% għandhom japplikaw mingħajr il-possibbiltà li tintalab kwalunkwe eżenzjoni, tnaqqis, kreditu ta' taxxa jew xi set off ta' kull xorta.

Għal individwi miż-Żona Ekonomika Ewropeja u individwi mill-Isvizzera, din l-għażla tapplika għal perjodu konsekuttiv ta' ħames snin, li tibda mill-ewwel sena ta' stima li fiha l-individwu konċernat huwa suġġett għat-taxxa taħt il-provviżjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, filwaqt li individwu minn pajjiżi oħra din l-opzjoni tapplika għal perjodu konsekuttiv ta' erba' snin.

Applikazzjoni għal determinazzjoni formali li tikkonċerna l-eliġibilità taħt dawn ir-regoli għandha ssir fuq il-formola hekk kif rikjesta mill-Awtorità tat-Trasport f'Malta.

L-iskeda għall-Avviż Legali 177/2016 tipprovdi lista ta ' l-impjiegi eliġibbli. Għall-iskop ta' din l-iskema wieħed irid jimla l-forma RA21, li tista' tinkiseb mit-*Taxpayer Service*, u li għandha tiġi mimlija u sottomessa mal-prospett tat-taxxa.

**Rimborż ta' taxxa fuq pensjonijiet.**

Dħul li jinkiseb minn individwi mill-1 ta' Jannar 2018 li jkun derivat minn pensjoni tas-sigurtà soċjali, pensjoni tat-teżor u minn kwalunkwe pensjoni oħra lokali jew barranija qed ikun suġġett għal rimborż skont il-limiti stabbiliti msemmija hawn taħt.

Dan il-benefiċċju japplika għal individwi li kellhom mill-inqas 61 sena fis-sena meta rċevew tali pensjoni.

Il-limiti ta' dħul eżenti tal-pensjoni li jikkwalifikaw għas-sena bażi 2018 huma kif ġej:

- għal individwi li jużaw **ir-rati tat-taxxa ta' Persuna Waħidha** l-limitu huwa ta' €13,200;
- għal individwi li jużaw **ir-rati tat-taxxa ta' Miżżewġin** l-limitu huwa ta' € 13,200 u huma suġġetti għal rimborż wkoll fuq kwalunkwe dħul addizzjonali ieħor sa €1,000.
- fil-każ ta' individwi li jużaw **ir-rati ta' Ġenitur** il-limitu suġġett għal rimborż jammonta għal €13,200.

Aktar informazzjoni wieħed jista' isibha fis-sezzjonijiet 3 u 26A ta' dan il-ktejjeb.

**Skema ta' Pensjoni Okkupazzjonali Volontarja**

Din l-iskema tal-pensjoni daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2017 bl-Avviż Legali 228 tal-2017.

Il-benefiċċji tat-taxxa għall-impjegat huma kif ġej:

- Kreditu fiskali annwali disponibbli għal impjegati li volontarjament jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali fl-iskema ta' min iħaddem, li jammonta għal l-inqas minn 15% tal-ammont ikkontribwit matul sena u €150 fis-sena;
- L-ebda tassazzjoni għall-impjegat taħt ir-Regoli tal-*Fringe Benefits* fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet magħmula minn min iħaddem għall-benefiċċju tal-impjegat.

Kwalunkwe kreditu tat-taxxa mhux utilizzat ma jistax jinġarr 'l quddiem mill-impjegat biex jinqata' kontra xi taxxa fuq id-dħul dovut fis-snin ta' stima sussegwenti. Madankollu, il-kreditu tat-taxxa jista' jiġi paċut kontra t-taxxa dovuta fuq id-dħul totali tal-impjegat u mhux limitat għat-taxxa dovuta fuq id-dħul tal-impjieg.

Il-kontribuzzjonijiet kollha għandhom jiġu rrappurtati fuq id-Dikjarazzjoni tal-Qligħ tal-Payee (FS3) skont is-Sistema ta' *Final Settlement System* (FSS). Il-kreditu tat-taxxa rilevanti jista' jiġi mnaqqas fil-Kaxxa 30 tad-prospett tat-taxxa.

Il-benefiċċji tat-taxxa għal min iħaddem huma kif ġej:

- Kreditu ta' taxxa annwali disponibbli għal min iħaddem li jammonta għal inqas minn 15% tal-ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa u €150 għal kull impjegat li fir-rigward tiegħu jitħallsu l-kontribuzzjonijiet;

- Tnaqqis fit-taxxa għal min iħaddem fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imħallsa, sa massimu ta' €2,000 għal kull impjegat fis-sena.

Biex min iħaddem ikun jista' jibbenefika minn dan it-tnaqqis irid jimla l-formola RA23 u jibgħatha mal-formola tat-taxxa.

**Tnaqqis ta' taxxa dwar Proġetti ta' Tisbiħ**

Din l-inizjattiva tipprovdi għal tnaqqis ta' taxxa fuq id-dħul fir-rigward tan-nefqa minn individwu li jeżerċita negozju fir-rigward ta' proġett kwalifikanti.

In-nefqa trid issir fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara u l-proġett kwalifikanti huwa definit bħala proġett ta' tisbiħ jew proġett ieħor utli għall-komunità lokali li ġie approvat bħala tali mill-Kunsill Lokali u d-Direttorat responsabbli għall-Kunsilli Lokali.

Tali Proġett għandu jkun kompletament tal-komunità u li fih il-persuna li tikkwalifika ma żżomm l-ebda drittijiet ta' proprjetà u li ma tkunx imħallsa bi kwalunkwe mod.

It-tnaqqis huwa ekwivalenti għal 120% tal-ispejjeż f'xi sena u li tista' tintalab kontra d-dħul taxxabbli ta' dik il-persuna, sa massimu ta' €90,000 fi kwalunkwe sena.

Sabiex jibbenefika minn dan it-tnaqqis, ebda tnaqqis ieħor ma jista' jintalab fir-rigward tal-istess nefqa u fejn il-persuna li tikkwalifika tibbenefika minn kwalunkwe forma ta' assistenza fir-rigward tal-imsemmija nefqa mill-Gvern jew minn kwalunkwe entità oħra, l-ammont ta' benefiċċju jew assistenza hija mnaqqsa min-nefqa li fuqha jista' jintalab it-tnaqqis taħt dawn ir-regoli. L-istess persuna li tikkwalifika ma tistax titlob tnaqqis għal aktar minn proġett kwalifikanti wieħed fi kwalunkwe sena. Wieħed għandu jimla l-formola RA27 biex ikun jista' jappika.

**Tnaqqis tal-Ispejjeż għat-Trasport tal-Impjegati**

Persuna li tmexxi negozju, professjoni jew vokazzjoni kif stabbilit fis-subartikolu 4 (1) ta' l-Att, jista' jitlob tnaqqis kontra d-dħul tiegħu ekwivalenti għal 150% tal-ispejjeż tat-trasport tal-impjegati li jkunu saru fis-sena relattiva.

L-ispejjeż tat-trasport tal-impjegati għal fini ta' din l-inizjattiva tfisser spejjeż għat-trasport tal-impjegati lejn u mill-post tax-xogħol permezz ta' mezzi ta' trasport organizzati u li kapaċi jġorru aktar minn tmien persuni.

L-impriża tista' titlob l-anqas minn:

1) €25,000 tal-ispejjeż tat-trasport tal-mpjegati li għandhom l-intrapriża fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima; jew

2) €300 għal kull impjegat li l-ispejjeż tat-trasport tagħhom saru mill-intrapriża fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima.

It-tnaqqis disponibbli taħt dawn ir-regoli jista' jsir biss jekk l-intrapriża li qed tibbenefika:

(a) iżżomm rekords xierqa tal-ispejjeż tat-trasport tal-impjegati li fir-rigward tagħhom it-tnaqqis ikun mitlub;

(b) titlob it-tnaqqis fil-prospett tat-taxxa tad-dħul relattiva għas-sena bażi li fiha ntefqu l-ispejjeż tat-trasport tal-impjegati;

(c) tissottometti mal-prospett tat-taxxa dikjarazzjoni minn Accountant Pubbliku fejn jiċċertifika li l-intrapriża kkalkulat b'mod korrett l-ispejjeż msemmija.

Wieħed għandu jimla il-formola RA 25 biex ikun jista' japplika għal dan it-tnaqqis.

**Kreditu ta' taxxa fuq riċerka, żvilupp u Innovazzjoni – *Malta Enterprise***

Għal aktar informazzjoni fuq krediti ta' taxxa li jaqgħu taħt din l-inizjattiva wieħed jista' jżur il-websajt ta' *Malta Enterprise - www.maltaenterprise.com.*

Biex wieħed jieħu dawn il-krediti ta' taxxa jrid jimla u jibgħat il-formola RA24 mal-prospett tat-taxxa.

**Kreditu ta' taxxa taħt l-iskema tal-*Business Development and Continuity.***

L-iskema tal-Business Development and Continuity hija maħsuba biex tiffaċilita proġetti ta' valur miżjud li huma mistennija li jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali ta' Malta u biex tappoġġa l-impriżi eżistenti biex issostnu l-operazzjonijiet matul ir-ristrutturar. L-iskema tista' tappoġġa attivitajiet varji bħal per eżempju l-fażi ta' żvilupp inizjali fuq impriżi li jistabbilixxu l-bażi operazzjonali f'Malta, proġetti ta' espansjoni, konsolidazzjoni ta' l-attivitajiet u l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' l-attivitajiet tagħhom. Inizjattivi appoġġati għandhom jwasslu għall-iżvilupp ta' negozji ġodda jew li jiżguraw il-kontinwità ta' l-operazzjonijiet kurrenti.

Għal aktar informazzjoni dwar l-iskema wieħed jista' jżur il-websajt tal-Malta Enterprise www.maltaenterprise.com.

Il-kreditu tat-taxxa jista' jintalab billi timtela l-RA26 li għandha tiġi mehmuża u sottomessa mal-prospett tat-taxxa. Wieħed jista' jsib din il-formola fit-taqsima tad- 'Downloads' fuq il-websajt tad-dipartiment www.cfr.gov.mt. Dan il-kreditu ta' taxxa jista' jiġi mnaqqas f'kaxxa 30 tal-prospett tat-taxxa.

**Kreditu ta' Taxxa fuq Riċiklaġġ ta' Skart ta' Kostruzzjoni**

Se jingħata kreditu ta' taxxa lill-persuni li jkollhom permess awtorizzati mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għat-teħid ta' materjal tal-kostruzzjoni u demolizzjoni fill-barrieri tagħhom.

Dawn il-persuni jistgħu matul is-snin 2017 sa 2019 jitolbu kreditu tat-taxxa ekwivalenti għal 25% tal-ħlas gross riċevuti minnhom għall-provvediment tas-servizzi msemmija, basta li l-miżati tagħhom ma jaqbżux €5.50 kull tunnellata metrika.

Il-kreditu tat-taxxa m' għandux jaqbeż it-taxxa

dovuta fuq l-income miksub mill-persuna awtorizzata matul is-sena li fiha ssir it-talba għall-kreditu tat-taxxa.

Biex jitlob dan il-kreditu tat-taxxa, wieħed għandu jimla l-formola RA28 li tista' titniżżel mill-websajt tad-Dipartiment www.cfr.gov.mt. Il-kreditu tat-taxxa rrid jintalab f'kaxxa 30 tal-prospett tat-taxxa.

**Regoli tal-2018 dwar Impjieg Kwalifikanti f'Attivitajiet Marittimi u l-Attivitajiet tal-Industrija tas-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass *Offshore***

Din l-iskema tippermetti impjegati fil-posizzjonijiet definiti eliġibbli li jaħdmu fil-qasam marittimu u fl-industrija taż-żejt u tal-gass li jibbenefikaw minn rata fissa ta' 15% taxxa fuq id-dħul mill-impjieg derivat minn xogħol imwettqa f'Malta.

L-applikant għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. irid ikun eliġibbli għal impjeg u li jkun fil-pussess ta' kwalifiki professjonali jew esperjenza professjonali aċċettabbli;

2. ikun intitolat għar-rimunerazzjoni ta' mill-inqas €65,000 (eskluż il-valur annwali tal-Fringe Benefits) definit b'kuntratt ta' impjieg;

3. jabita f'akkomodazzjoni meqjusa bħala normali għal familja komparabbli f'Malta;

4. ma jkunx domiċiljata f'Malta;

5. ikun fil-pussess ta' dokument validu tal-ivvjaġġar;

6. ikun fil-pussess ta' assigurazzjoni tas-saħħa adegwata;

7. ma jkunx ibbenefika minn inċentivi alternattivi disponibbli f' Malta;

8. ikun iffirma kuntratt ta' impjieg kwalifikanti.

Din l-għażla hija disponibbli għaż-Żona Ekonomika Ewropija (ZEE) u għal ċittadini Svizzeri, għal perjodu konsekuttiv ta' ħames snin li jibda mill-ewwel sena ta' stima li fiha dik il-persuna hija suġġetta għat-taxxa taħt dawn ir-regoli, u inkwantu ċittadini ta' pajjiż terz għal perjodu konsekuttiv ta' erba ' snin.
L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Awtorita' tat-Trasport.

Biex wieħed japplika għal din l-iskema irid jimla l-formola RA29 li tista' titniżżel mill-websajt tad-dipartment www.cfr.gov.mt.

# DĦUL MINN EMOLUMENTI U NEGOZJU

F'paġna 2 tal-formola għandek tiddikjara d-dħul kollu tiegħek minn emolumenti u negozju. Jekk it-*tax status* tiegħek huwa "Persuna Waħidha", jiġifieri ġuvni/xebba, separat/a jew armel/armla, għandek tniżżel id-dħul tiegħek taħt il-kolonna "Tiegħi". Jekk it-*tax status* tiegħek huwa "miżżewġin u ngħixu flimkien" id-dħul tal-konjuġi responsabbli għandu jitniżżel taħt il-kolonna "Tiegħi" u dak tal-konjuġi l-ieħor taħt il-kolonna "Tal-Konjuġi". Jekk inti ġenitur wieħed (*single parent*) niżżel id-dħul tiegħek taħt il-kolonna "Tiegħi".
**In-numri li ssib minn din il-faċċata 'l quddiem jikkorrispondu man-numru tal-kaxex li hemm fuq il-formola tat-taxxa.**

### 1. Impjieg jew Kariga

F'din it-taqsima għandek tinkludi d-dħul li rċevejt minn impjieg jew kariga matul is-sena. Dan għandu jinkludi:

- salarju u paga; Bonus Nazzjonali u bonuses oħrajn; ħlasijiet għal sahra; *director's fees*; il-valur annwali ta' ikel u residenza b'xejn; u ħlasijiet u *allowances* oħra, inklużi *commissions*.

Għal kull impjieg jew kariga għandek tniżżel in-numru tal-PE ta' min ħallsek.

L-ammont li tiddikjara għandu jkun l-ammont gross ta' emolumenti li jidher fl-FS3, ipprovduta mill-payer tiegħek. Ehmeż il-formoli FS3 ma' paġna 3 tal-formola tat-taxxa.

Jekk int jew il-konjuġi rċevejtu director's fees dawn għandhom jiġu inklużi f'kaxxa 1d jew 1e skont il-każ. Fuqhom ma tistax tiġi applikata komputazzjoni separata.

### Dħul minn impjieg *Part-Time*

M'għandekx tiddikjara d-dħul minn xogħol part-time sa €10,000 li jikkwalifika taħt ir-Regoli dwar xogħol *Part-Time* u li minnu diġà tkun tnaqqsitlek it-taxxa bir-rata speċjali ta' 15%. Iddikjarah biss meta tkun trid titlob lura t-taxxa mnaqqsa minnu. F'dan il-każ għandek tinkludi d-dħul gross mill-part-time f'din il-kaxxa u titlob lura t-taxxa mnaqqsa minnu fil-linja numru 35. Ma' paġna 3 tal-formola ehmeż FS3 għal kull impjieg part-time li minnu qiegħed tiddikjara dħul. Dħul minn xogħol part-time 'il fuq minn €10,000 għandu jiġi inkluż f'Taqsima 1.

### Rati ta' taxxa mnaqqsa għall-uffiċjali tal-Pulizija

Dħul riċevut għal xogħol extra mwettqa mill-uffiċjali tal-Pulizija se jkun intaxxat separatament bir-rata ta' 15% u wieħed ma għandux jinkludi dan id-dħul fil-prospett tat-taxxa sakemm l-individwu ma jridx li jitlob lura t-taxxa imħallsa.

### Taxxa ta' 7.5% fuq dħul minn attivita' sportiva

Plejer tal-futbol professjonali, reġistrat mal-*Malta Football Association*, jew plejer tal-waterpolo reġistrat mal-*Malta Aquatic Assocation* li kellu dħul intaxxat bir-rata speċjali ta' 7.5% ma għandux jinkludi dan id-dħul fil-prospett tat-taxxa sakemm l-individwu ma jridx li jitlob lura t-taxxa imħallsa.

F'dan il-każ, wieħed għandu jinkludi d-dħul tal-futbol fil-kaxxa 1 u jitlob it-taxxa diġà mnaqqsa fil-kaxxa 35.

**Mill-1 ta' Jannar 2016 din l-inizjattiva ġiet estiża wkoll għall-coaches u sportivi professjonali.**

**Informazzjoni oħra**

Jekk fis-sena 2018 irċevejt xi arretrati ta' paga li jirreferu għas-snin ta' qabel, dawn huma taxxabbli fl-2018 u għandhom jiġu inklużi f'taqsima 1. Jekk għandek banka tal-lottu, tiddikjarax id-dħul tiegħek f'din it-taqsima imma fit-taqsima numru 2. Għalkemm ingħatajt FS3 mid-dipartiment ikkonċernat, dan huwa dħul minn sengħa jew negozju u mhux minn impjieg.

**Individwi taxxabbli bir-rati ta' "Persuna waħida" fuq id-dħul minn impjieg full-time jew part-time. - REGOLI DWAR TNAQQIS (DĦUL MINN IMPJIEG)**

Huwa importanti wieħed jinnota li individwi taxxabbli bir-rati ta' "Persuna Waħida" li fl-2018 irċivew biss dħul minn impjieg, kemm jekk full-time jew part-time, li it-total ta' dan id-dħul huwa taħt l-ammont ta' €9,700 dan ma jkunx intaxxat.

Dan ifisser li individwu li jirċievi dħul minn impieg full-time u minn impjieg part-time, jew li jirċievi dħul minn żewġ impjiegi part-time jew aktar, jibqa mhux taxxabbli sakemm it-total ta' dan id-dħul ma jaqbiżx il-limitu ta' €9700.

Sabiex jiġi żgurat illi dan id-dħul ma jkunx intaxxat, l-individwu konċernat irid jiddikjara id-dħul kollu fil-prospett tat-taxxa għas-sena relattiva, irrispettivament minn jekk is-sors kienx full-time jew impjieg part-time. Jekk xi taxxa tkun ġiet mnaqqsa permezz tal-FSS, din ser tkun akkreditata lilu u se tkun disponibbli għal rifużjoni.

Għalhekk, jekk per eżempju it-total ta' dħul minn impjieg fis-sena 2018 kien jammonta għal €9,400, inti trid iddaħħal dan l-ammont fil-kaxxa 1a u tnaqqas €300 (€9,400 - €9,100) fil-kaxxa 6.

**Eżenzjoni mit-taxxa għal Stipendji tal-istudenti**

Tajjeb tinnota li stipendji tal-istudenti huma eżenti mit-taxxa tad-dħul u għalhekk m'għandhomx jiġu inklużi fil-prospett tat-taxxa.

**2. Sengħa, Negozju, Professjoni, Vokazzjoni**

Għal kull sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni niżżel in-numru tal-VAT. Jekk inti eżenti minn numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT niżżel 'mhux applikabbli'. F'każ li dan id-dħul kien ġej minn xi negozju bi sħab (*partnership*) immarka l-kaxxa rispettiva fuq il-formola.

Jekk kellek telf indika dan l-ammont permezz ta' parentesi (*brackets*).

Ma' paġna 3 tal-formola ehmeż rendikont sħiħ u ffirmat li juri kif wasalt għall-qligħ jew telf nett li kellek. Minbarra l-formola qed tirċievi specimen ta' dan ir-Rendikont. Tista' timlih, tiffirmah u tehmżu ma' paġna 3 tal-formola.

F'każ li d-dħul ġej minn xi negozju bi sħab, fuq ir-rendikont għandek tikteb: (1) in-numru tal-partnership (2) l-isem u kunjom tal-*partners* l-oħra (3) in-numru tal-ID ta' kull wieħed minnhom. Tajjeb tkun taf li l-liġi tipprovdi li jsiru l-verifiki neċessarji mad-Dipartiment tal-VAT dwar il-bejgħ (*sales*) u x-xiri (*purchases*).

Jekk kellek xi telf min-negozju fis-snin ta' qabel, u li jista' jinqata' kontra d-dħul taxxabbli ta' din is-sena, dan m'għandux jiġi ddikjarat hawn imma f'kaxxa 21 fuq paġna 3 tal-formola tat-taxxa.

### *Part-Time* minn xogħol għal rasek

Huwa importanti jingħad l-ammont ta' profitt kwalifikabbli għat-tnaqqis ta' 15% fuq xogħol għal rasek part-time huwa ta' €12,000. Kull ammont ta' profit li jeċċedi it-€12,000 irid jiġi ddikjarat fil-prospett tat-taxxa.

### Bejgħ ta' prodotti tal-biedja

Jekk kellek xi dħul minn bejgħ ta' prodotti tal-biedja, irreferi għall-fuljett li jitqassam mal-formola RA1 biex jgħinek timla din il-parti.

### Dħul minn Ospitar ta' Studenti

Jekk inti reġistrat mal-Awtorita tat-Turiżmu bl-iskop li tospita studenti u rċevejt pagamenti mingħand skola tal-lingwi reġistrata inti għandek timla l-formola RA6 (kopja ta' din il-formola tista' tintalab lit-*Taxpayer Service)* Il-formola RA6, flimkien mar-rendikonti li rċevejt mill-iskejjel li juru l-ammont gross tal-pagamenti, għandhom jiġu mehmuża ma' paġna 3 tal-formola tat-taxxa.

## 3. Pensjonijiet u Benefiċċji ta' Sigurtà Soċjali

Wieħed għandu jniżżel in-numru tal-PE (jew xi numru ieħor ta' riferenza) ta' min ħallsek il-pensjoni u d-dħul gross li rċevejt minn kull pensjoni lokali jew barranija. Ħlief għall-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali, għandu jkollok FS3 jew xi statement simili għal kull ammont ta' dħul minn pensjoni li tiddikjara hawnhekk. Dawn għandek tehmiżhom ma' paġna 3 tal-formola tat-taxxa. Pensjonanti li jirċievu Pensjoni tas-Sigurtà Soċjali m'għandhomx jehmżu statements tal-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali mal-formola tat-taxxa.

Benefiċċji ta' Sigurtà Soċjali, bħall-benefiċċju għall-qgħad jew benefiċċju għall-mard huma taxxabbli u għandhom jiġu ddikjarati wkoll fil-kaxxa numru 3.

*War Pensions* u ċerti allowances jew benefiċċji mħallsin taħt l-Att tas-Sigurtà Soċjali li huma eżenti mit-taxxa m'għandhomx jiġu ddikjarati.

Jekk trid tieħu lura t-taxxa li tnaqqsitlek bl-FSS minn xi pensjoni lokali, dan tista' tagħmlu aktar 'l isfel, fin-numru 35.

**Huwa importanti li wieħed jinnota li għalkemm il-pensjonijiet ġew suġġetti għal rimborż mit-taxxa, dawn xorta waħda jridu jiġu ddikjarati f'din it-taqsima.**

Dan ir-rimborż tat-taxxa japplika għal individwi li kellhom mill-inqas 61 sena fis-sena meta rċevew tali pensjoni u li qed jirċievu dħul minn kwalunkwe pensjoni inkluż pensjoni tas-sigurtà soċjali, pensjoni tat-teżor kif ukoll pensjonijiet oħra lokali u barranin.

Ir-rimborż tat-taxxa ma jistax joħloq l-ebda rifużjoni tat-taxxa u lanqas jista' jiġi trasferit 'l quddiem jekk ma jintużax kompletament. Għal eżempji dwar kif dawn il-krediti tat-taxxa huma applikati, jekk jogħġbok irreferi għall-paġna 39.

## 4. Impjieg barra minn Malta

F'din il-kaxxa għandek tiddikjara l-ammont gross ta' emolumenti li rċevejt matul is-sena skont kuntratt ta' impjieg li għalih kien meħtieġ li jsir xogħol jew dmirijiet prinċipalment barra minn Malta. Niżżel fil-kaxxa li hemm apposta n-numru tal-PE (jekk ikun il-każ) ta' min iħaddmek. Dwar kull impjieg barra minn Malta ehmeż ma' paġna 3 tal-formola statement separat li jinkludi d-dettalji li ġejjin:

- il-pajjiż fejn wettaqt id-dmirijiet;

- l-isem u n-numru tal-PE ta' min iħaddmek;
- it-tul ta' żmien tal-kuntratt; u
- l-ammont ta' income *gross* (ewro).

Agħmel sinjal fil-kaxxa jekk (inti jew il-konjuġi tiegħek, jekk miżżewweġ) tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' impjieg barra minn Malta u tixtieq li dan id-dħul jiġi ntaxxat bil-15%.

Importanti li tkun taf li d-dħul minn impjieg barrani jiġi ntaxxat bħala l-ewwel parti tad-dħul. Ara paġna 40 dwar kif tikkalkula t-taxxa f'każ ta' impjieg barrani.

## 5. Sub-Total

Għodd il-kaxex 1 sa 4 u niżżel it-totali fil-kaxex 5a u 5b.

## 6. Tnaqqis minn Impjieg jew Kariga

F'din il-kaxxa tista' tnaqqas xi spejjeż li għandhom x'jaqsmu direttament mad-dħul li ddikjarajt fil-kaxex 1 (dħul minn impjieg jew kariga) u 4 (dħul minn impjieg barra minn Malta). It-tnaqqis ma jistax ikun ogħla mid-dħul li għalih ikun jirreferi. Jiġifieri ma tistax tiddikjara telf fuq id-dħul ta' income mill-impjieg tiegħek. M'għandekx tnaqqas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsin minnek għal impjieg li ddikjarajt fil-kaxxa numru 1.

Taxxa li tnaqqsitlek bl-FSS fuq dħul minn impjieg għandha tiġi ddikjarata fil-kaxxa 35.

Tajjeb tkun taf li jekk inti individwu li taxxa tiegħek hija kkalkulata bir-rati tat-taxxa ta' persuna waħidha u matul 2018 rċevejt biss dħul minn impjieg li ma jaqbiżx €9,700, inti mhux ser tkun intaxxata.

Għalhekk, jekk per eżempju d-dħul mill-impjieg tiegħek matul 2018 ammonta għal €9,400, inti għandek tnaqqas €300 (€9,400 - € 9,100) f'din il-kaxxa.

## 7. Eżenzjonijiet

F'din il-taqsima tista' tnaqqas xi dħul li ddikjarajt fil-kaxex 1, 2 u 3 li huwa eżenti mit-taxxa.

### Eżenzjonijiet fuq *Royalties* li jirriżultaw minn privattivi

*Royalties* u dħul ieħor li ġej minn privattivi fuq invenzjonijiet huma eżenti mit-taxxa tad-dħul. Dan l-inċentiv ma jillimitax l-eżenzjoni għal privattivi reġistrati f'Malta u/jew li r-riċerka u l-iżvilupp tagħhom saret f'Malta. Madankollu individwu ma jkunx intitolat li jkollu eżenzjoni mit-taxxa fuq xi ammont ta' income li jirriżulta lilu jekk dan l-individwu ma jkunx wettaq (waħdu jew ma' xi persuni oħra), riċerka, ippjanar, ipproċessar, ittestjar, ħolqien, iddisinjar, żvilupp jew attivita oħra simili li twassal għall-invenzjoni li hija s-suġġett tal-privattiva kwalifikanti.

L-eżenzjoni tista' tinkiseb fuq approvazzjoni tal-*Malta Enterprise* wara li tkun saret l-applikazzjoni. Il-*Malta Enterprise* tista' titlob l-applikant kull dokumentazzjoni u informazzjoni rilevanti biex tasal għad-deċiżjoni.

## 8. Total tad-Dħul minn Emolumenti u Negozju

Naqqas il-kaxex 6a u 7a mill-kaxxa 5a u ikteb ir-riżultat f'kaxxa 8a. Jekk il-formola qed timtela minn koppja miżżewġa naqqas ukoll il-kaxex 6b u 7b mill-kaxxa 5b u ikteb ir-riżultat fil-kaxxa 8b.

Il-kaxxa 8a (kif ukoll il-kaxxa 8b fil-każ ta' koppja miżżewġa) qatt m'għandha titħalla vojta. F'każ li m'għandek x'tikteb xejn allura niżżel "0". Jekk l-ammonti fil-kaxex 8a jew 8b huma negattivi (jiġifieri jkun sar telf minn xi sengħa jew negozju) indika dawn l-ammonti permezz ta' parentesi.

# DĦUL MINN INVESTIMENTI, QLIGĦ KAPITALI U DĦUL IEĦOR

## 9. Dħul minn Investimenti Lokali

### Dividendi Lokali

**Hawn wieħed isib żewġ kategoriji ta' dividendi:**

**Fil-kaxxa 9ai irid jiġi ddikjarat id-dividend gross li ġej minn ishma elenkati fil-Borża, mqassma minn profitti tal-2017 u/jew wara, filwaqt li fil-kaxxa 9aii irid jitniżżel l-ammont ta' dividendi gross lokali oħra.**

It-trattament tat-taxxa ta' dividendi lokali hu kif imfisser hawn taħt:

**Persuni li jużaw ir-rati ta' taxxa ta' persuna waħidha li kellhom dħul ta':**

- anqas minn €19,500 eskluż kull dividend, jistgħu jiddikjaraw biss l-ammont ta' dividendi li meta jiżdied mad-dħul taxxabbli l-ieħor tagħhom, ma jaqbiżx it-total ta' €19,500;
- aktar minn €19,500 eskluż kull dividend, ma jistgħux jiddikjaraw dividendi.

**Persuni li jużaw ir-rati ta' taxxa ta' miżżewġin li kellhom dħul ta':**

- anqas minn €28,700 eskluż kull dividend, jistgħu jiddikjaraw biss l-ammont ta' dividendi li meta jiżdied mad-dħul taxxabbli l-ieħor tagħhom, ma jaqbiżx it-total ta' €28,700;
- aktar minn €28,700 eskluż kull dividend, ma jistgħux jiddikjaraw dividendi.

**Persuni li jużaw ir-rati ta' taxxa ta' ġenitur li kellhom dħul ta':**

- anqas minn €21,200 eskluż kull dividend, jistgħu jiddikjaraw biss l-ammont ta' dividendi li meta jiżdied mad-dħul taxxabbli l-ieħor tagħhom, ma jaqbiżx it-total ta' €21,200;
- aktar minn €21,200 eskluż kull dividend, ma jistgħux jiddikjaraw dividendi.

Huwa importanti li tkun taf li għall-iskop tal-kalkoli hawn fuq imsemmija, meta persuna tirċievi aktar minn dividend wieħed, l-ammont aggregat ta' dawn id-dividendi għandu jitqies bħala dividend wieħed.

Barra minn hekk fil-każ fejn persuna hija intitolata li titlob tnaqqis kontra dividendi dikjarati fil-prospett tat-taxxa, l-ammont jew il-porzjon ta' dak id-dividend, sal-ammont tal-imsemmi tnaqqis, jista' jiġi ddikjarat. F'każijiet bħal dawn wieħed jista' jżid l-ammont ta' dan it-tnaqqis ma' l-ammont rispettiv tat-threshold relevanti hawn fuq imsemmija.

**L-eżempji li ġejjin għandhom jgħinuk tasal għall-ammont korrett ta' dividendi li għandhom jiġu inklużi fis-self-assessment.**

**Eżempju 1**

Persuna waħidha tirċievi dħul minn impjieg ta' €18,000 u dividendi aggregati lokali (gross) ta' €3,000. L-ammont ta' dividendi huwa magħmul minn €2,000 minn kumpanija A, u €1,000 minn kumpanija B. It-taxxa minn ras il-għajn fuq dawn id-dividendi tammonta għal €1,050.

| | |
|---|---|
| Dħul taxxabbli eskluż dividendi aggregati (gross) | **€18,000** |
| Naqqas Threshold (rati ta' persuna waħidha) | **€19,500** |

Peress li d-dħul taxxabbli tal-persuna, eskluż l-ammont aggregat tad-dividendi, ma jaqbiżx €19,500, din il-persuna tista' tiddikjara €1,500 dividendi fil-kaxxa 9a u titlob ammont proporzjonali tat-taxxa minn ras il-għajn fil-kaxxa 38. F'dan l-eżempju t-taxxa minn ras il-għajn li tista' tkun mitluba hija determinata billi tiddividi d-dividendi li jiġu ddikjarati fil-kaxxa 9a (€1,500) bid-dividendi totali (€3,000) u timmultiplika r-riżultat bit-taxxa minn ras il-għajn (€1,050), jiġifieri 1500/3000 x 1050. Għalhekk f'dan il-każ €525 taxxa minn ras il-għajn tista' tintalab fil-kaxxa 38a jew 38b.

**Eżempju 2**

Persuna li tikkwalifika għar-rati ta' taxxa ta' ġenitur li tirċievi dħul minn impjieg ta' €32,000 u ammont aggregat ta' dividendi lokali (gross) ta' €5,000. L-ammont ta' dividendi gross huwa magħmul minn €3,000 minn kumpanija A, €1,000 minn kumpanija B u €1,000 minn kumpanija C.

| | |
|---|---|
| Dħul taxxabbli eskluż dividendi aggregati (gross) | **€32,000** |
| Naqqas Threshold (rati ta' ġenitur) | **€21,200** |

Peress li d-dħul taxxabbli tal-individwu, eskluż l-ammont aggregat tad-dividendi, jeċċedi t-threshold relattiva (€21,200), id-dħul ta' dividendi (€5,000) m'għandux ikun iddikjarat fil-prospett tat-taxxa.

**Eżempju 3**

Koppja miżżewġa li ma tikkwalifikax għar-rati ta' ġenitur, fejn il-konjuġi A għandu dħul minn impjieg ta' €19,000 u l-konjuġi B għandha dħul minn impjieg ta' €9,500. Din il-koppja tirċievi wkoll dividendi gross ta' €4,200. It-taxxa minn ras il-għajn fuq dawn id-dividendi tammonta għal €1,470.

It-trattament ta' taxxa tad-dividendi f'dan l-eżempju huwa kif ġej:

**Għażla 1: Komputazzjoni separata**

**Konjuġi A**

| | |
|---|---|
| Dħul taxxabbli eskluż dividendi aggregati (gross) | **€19,000** |
| Naqqas Threshold (rati ta' persuna waħidha) | **€19,500** |

Peress li d-dħul taxxabbli tal-individwu, eskluż l-ammont aggregat tad-dividendi huwa inqas mit-threshold relattiva (€19,500), l-ammont ta' €500 dividendi gross huwa l-parti tad-dividendi li jistgħu jiġu ddikjarati fis-self-assessment. Peress li €500 qed jiġu ddikjarati fil-kaxxa 9a, it-taxxa minn ras il-għajn li tammonta għal €175 ((500/4200) x 1,470) tista' tintalab fil-kaxxa 38a jew 38b.

Huwa importanti li wieħed jinnota li d-dividendi qed jiġu ntaxxati fuq il-persuna li għandha l-ogħla dħul, f'dan il-każ il-konjuġi A.

**Konjuġi B**

Id-dħul totali taxxabbli ta' konjuġi B jammonta għal €9,500 u huwa intaxxat bir-rati normali tat-taxxa ta' persuna waħidha, peress li l-għażla hija dik ta' komputazzjoni separata.

**Għażla 2: Komputazzjoni Konġunta**

| | |
|---|---|
| Dħul taxxabbli eskluż dividendi aggregati (gross) | **€28,500** |
| Naqqas Threshold (rati ta' miżżewġin) | **€28,700** |

Peress li id-dħul taxxabbli tal-koppja, eskluż l-ammont aggregat tad-dividendi, huwa inqas mit-threshold relattiv (€28,700), l-ammont ta' €200 dividendi gross huwa l-parti mid-dividend li jista' jiġi ddikjarat fil-prospett tat-taxxa. Minħabba li €200 qed jiġu ddikjarati

fil-kaxxa 9a, it-taxxa minn ras il-għajn li tammonta għal €70 ((200/4200) x 1,470) tista' tintalab fil-kaxxa 38a jew 38b.

**IMPORTANTI**

**Għalkemm dividendi riċevuti minn individwi huma eżentati milli jiġu ddikjarati għal skopijiet ta' taxxa fuq id-dħul meta d-dħul totali ta' dawn l-individwi jaqbeż il-limitu imsemmi fl-eżempji ta' hawn fuq, din l-eżenzjoni ma tapplikax għad-dividendi riċevuti fir-rigward ta' ishma kwotati fuq l-Stock Exchange ta' Malta u li ġew imqassma lil individwi li l-ishma tagħhom f'kumpannija jirrappreżentaw inqas minn 0.5% tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija. Dan japplika biss għal dividendi li jirrappreżentaw profitti derivati mis-sena 2017 'il quddiem.**

**Dawn l-azzjonisti jkunu jistgħu jitolbu rifużjoni tat-taxxa minn ras il-għajn imħallsa mill-kumpanija fuq il-profitti tagħha li jirrappreżenta d-differenza bejn ir-rata ta' taxxa korporattiva u r-rata tat-taxxa personali applikabbli għall-individwu.**

### Imgħax Lokali

Fil-kaxxa 9b għandek tiddikjara dawk l-imgħaxijiet kollha (inklużi *foreign currency accounts* miżmuma lokalment) li minnhom ma tkun tnaqqset l-ebda taxxa. Dan id-dħul jiġi ntaxxat bir-rati normali tat-taxxa. M'għandekx tiddikjara d-dħul mill-imgħaxijiet mill-banek jekk diġà tnaqqset minnhom it-taxxa bil-15%. Il-15% taxxa miżmuma fuq l-imgħax lokali hija finali, u ma tistax tintalab lura. Min mhux residenti f'Malta għandu jinnota li d-dħul minn imgħaxijiet lokali huwa eżenti mill-*income tax*.

## 10. Dħul minn Investimenti Barranin

Hawn għandek tiddikjara l-ammont gross tad-dħul minn dividendi u imgħaxijiet barranin. Jekk inti domiċiljat u ordinarjament residenti f'Malta għandek tiddikjara d-dħul kollu mid-dividendi u mill-imgħaxijiet barranin.

It-taxpayers l-oħrajn kollha (jiġifieri dawk li mhumiex domiċiljati jew mhumiex ordinarjament residenti f'Malta) għandhom jiddikjaraw biss dawk id-dividendi u l-imgħaxijiet barranin li ġew riċevuti f'Malta.

### Dividendi Barranin

Fil-kaxxa 10a għandek tiddikjara t-total tad-dividendi barranin li rċevejt f'ewro.

### Imgħaxijiet Barranin

Fil-kaxxa 10b niżżel it-total tal-imgħaxijiet barranin li rċevejt f'ewro minbarra:

- imgħax barrani li minnu nżammet taxxa ta' 15% ;
- imgħax barrani li dwaru jsir arranġament ma' intermedjarju finanzjarju awtorizzat, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2019, biex titħallas taxxa fuqu b'rata fissa ta' 15%. It-taxxa ta' 15% hija finali u ma tistax tintalab lura fil-formola tat-taxxa.

*Foreign currency accounts* miżmuma lokalment ma jitniżżlux hawn iżda taħt imgħax lokali (kaxxa 9b).

Ikteb l-ammont ta' kreditu tat-taxxa għall-ħelsien mit-taxxa doppja fil-kaxxa 33. Ara numru 33 aktar 'il isfel għal aktar dettalji dwar kif tikkalkola l-ammont tal-kreditu.

## 11. Dħul minn Kera

Fil-kaxxa 11a għandek tiddikjara t-total tad-

dħul mill-kirjiet li rċevejt, premiums, lawdemji u kull dħul gross ieħor minn proprjetà. Fil-kaxxa 11b għandek tiddikjara t-total tad-dħul minn ċnus li rċevejt.

Tnaqqis konness mad-dħul iddikjarat f'kaxxa 11a għandu jsir fil-kaxxa 16 aktar 'l isfel. Id-dħul u t-tnaqqis li jirreferu għal xi attività ta' negozju minn kiri ta' proprjetà (eż. *short lets* ta' appartamenti) għandu jidħol fit-taqsima 2 aktar 'il fuq, u mhux hawnhekk.

Kirjiet riċevuti mingħand l-Awtorità tad-Djar li ġew intaxxati bir-rata ta' 5% tad-dħul gross m'għandhomx jiġu ddikjarati fil-formola tat-taxxa.

**Għażla għal taxxa finali ta' 15% fuq il-kera**

**L-għażla tar-rata tat-taxxa ta' 15% hija applikabbli għall-proprjetajiet mikrija għal skopijiet residenzjali u kummerċjali, kif ukoll għal ċnus derivati minn proprjetà urbana jew rurali, iżda teskludi kirjiet bejn l-istess partijitiet u tapplika fuq il-dħul mill-kiri gross totali riċevut. Għal dan il-għan wieħed irid jimla l-formola preskritta TA24 (li tista' titniżżel mill-websajt tad-dipartiment). Il-Formola mimlija u ffirmata flimkien mal-pagament li jkopri l-ammont ta' taxxa dovuta għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April, 2019.**

## 12. Dħul minn Qligħ Kapitali

Hawn iddikjara l-ammont nett ta' qligħ kapitali taxxabbli li kellek matul l-2018.

B'effett mill-1 Jannar 2018 is-sistema ta' qligħ kapitali ġiet, b'eċċezzjonijiet żgħar, ġiet mibdula f'sistema ta' taxxa fuq trasferiment ta' proprjetà, fir-rigward ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab f'Malta. Il-qligħ kapitali kompla japplika fir-rigward tat-trasferiment ta' ishma u oġġetti oħra preskritti fil-liġi kif ukoll fuq il-proprjetà immobbli li tkun tinsab barra mill-pajjiż.

It-Taxxa finali ġdida hija ta' 8% fuq il-valur tal-proprjetà trasferita. Madankollu se jkun hemm żewġ eċċezzjonijiet għal dan kif ġej:

a. Fil-każ ta' individwu li ma jkunx fin-negozju ta' kummerċ fil-proprjetà, ir-rata finali ta' taxxa mnaqqsa applikabbli għanda tkun ta' 5% jekk il-proprjetà hija trasferita f'inqas minn ħames snin wara d-data tal-akkwist tagħha.

b. Fil-każ ta' proprjetajiet akkwistati minn persuna (individwi u kumpaniji) qabel l-1 ta' Jannar 2004, ir-rata ta' taxxa finali applikabbli għandha tkun ta' 10% tal-valur tal-proprjetà trasferita.

Trasferimenti ta' proprjetà immobbli li tgħaddi b'wirt ser jibqgħu suġġetti għal taxxa finali ta' 12% fuq id-differenza bejn il-valur tat-trasferiment u l-ispiża tal-akkwist (denunzja); u għal taxxa finali ta' 7% fuq il-kunsiderazzjoni jekk wiret qabel 25/11/1992. Ma nbidel xejn f'dan ir-rigward.

L-eżenzjonijiet presenti mhumiex affettwati mis-sistema l-ġdida u għalhekk se jibqgħu japplikaw. Pereżempju, trasferimenti ta' residenza tal-persuna, donazzjonijiet kif preskritti, assenjazzjonijiet matul separazzjoni u divorzju, trasferimenti bejn il-gruppi, eċċ, se jibqgħu eżenti mit-taxxa.

Hemm dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward ta' proprjetajiet li dwarhom hemm avviż ta' konvenju jew trasferiment relatata ma dik il-proprjetà u li tkun ġiet mogħtija lill-Kummissarju qabel is-17 ta' Novembru, 2014.

Aktar informazzjoni taħt forma ta' FAQs (*Frequently Asked Questions*) tista' ssiba fuq

il-websajt tad-dipartiment – *www.cfr.gov.mt.* jew billi ċċempel fuq in-numru tal-*Call Centre* tad-dipartiment 153.

### 13. Dħul minn Manteniment

Jekk irċevejt xi ħlas mingħand il-konjuġi l-ieħor bħala manteniment fir-rigward tiegħek, dan id-dħul huwa taxxabbli u għandu jitniżżel fil-kaxxa numru 13. Jekk matul is-sena 2018 irċevejt xi ħlas mingħand il-konjuġi bħala manteniment fir-rigward tat-tfal, dan id-dħul mhuwiex taxxabbli u m'għandux jiġi ddikjarat.

### 14. Dħul ieħor

Fin-numru 14 għandek tniżżel kull dħul ieħor li għandu jiġi ddikjarat u li għadu ma daħal imkien fuq il-formola.

Ma' paġna 3 tal-formola ehmeż id-dokumenti rilevanti għal kull dħul ieħor li qed tiddikjara.

### 15. Total

Għodd l-ammonti li hemm fil-kaxex 9a sa 14 u niżżel it-total fil-kaxxa 15.

## TNAQQIS

### 16. Tnaqqis mill-Kera

Hawnhekk naqqas dawk l-ispejjeż konnessi mal-kera li ddikjarajt fin-numru 11. Kontra d-dħul iddikjarat fil-kaxxa 11a tista' tnaqqas:

- ċnus pagabbli; u
- tnaqqis ieħor ta' 20% (fuq l-ammont li jibqa' mid-dħul mill-kirja wara li jitnaqqas iċ-ċens).

Niżżel l-ammont ta' ċnus pagabbli fil-kaxxa 16a. It-tnaqqis ieħor ta' 20% għandu jitniżżel fil-kaxxa 16b. It-tnaqqis ieħor ta' 20% jingħata xorta waħda, ukoll jekk l-ispejjeż fil-fatt ma jkunux saru. Dan it-tnaqqis jammonta għal wieħed minn kull ħamsa tal-kera li tkun irċevejt (jiġifieri 1/5 tal-ammont gross tal-kirja) wara li jitnaqqas iċ-ċens.

**Eżempju:**

Kera Gross ............................... €400
Naqqas ċens (€40) ..................... €360
20% ta' €360 = €360 diviż b'5 = €72

L-ammont ta' €72, għandek tniżżlu fil-kaxxa 16b. Kontra d-dħul iddikjarat fil-kaxxa 11b tista' tnaqqas biss l-ammont ta' ċnus pagabbli kontra ċ-ċnus li rċevejt. It-tnaqqis ieħor ta' 20% ma jingħatax fuq iċ-ċnus li tirċievi. L-ammont totali tat-tnaqqis li jista' jinkiteb fil-kaxex 16a u 16b rigward kull fond separat m'għandu qatt ikun akbar mid-dħul li tkun iddikjarajt f'kaxxa 11 minn dik il-proprjetà.

### 17. Tnaqqis għal Imgħax Pagabbli fuq Kapital

Dan hu l-imgħax li jkun tħallas fuq flus mislufa li tkun użajt biex takkwista l-income.

Ma jsir l-ebda tnaqqis għal imgħaxijiet li jkunu tħallsu għal skopijiet personali jew privati. Niżżel in-numru tal-kaxxa fejn iddikjarajt id-dħul li kontrih qed titlob dan it-tnaqqis.

Jekk qed titlob dan it-tnaqqis kontra aktar minn sors wieħed ta' dħul, ehmeż lista ta' dawn is-sorsi mal-formola tiegħek.

### 18. Ħlas għall-manteniment

Hawn tista' tnaqqas dak l-ammont ta' ħlasijiet għall-manteniment, kif ġie stabbilit mill-Qrati jew kif miftiehem b'att pubbliku ta' separazzjoni personali taħt l-awtorità tal-Qrati, imħallsin lill-konjuġi li ma jkunx baqa' jgħix miegħek. L-ebda tnaqqis ma jsir għal manteniment li jitħallas rigward it-tfal.

## 19. Tnaqqis għal miżati mħallsa

### 19a. Ħlas ta' Miżati ta' skejjel privati indipendenti

Ġenituri li t-tfal tagħhom attendew skola jew kindergarten privat indipendenti bi ħlas matul is-sena huma eliġibbli għal tnaqqis ta':

(1) €1,300 jew l-ammont ta' ħlas li sar matul is-sena jekk huwa inqas, għal kull wild li jkun attenda ċentru ta' kindergarten.
(2) €1,600 jew l-ammont ta' ħlas li sar matul is-sena jekk huwa inqas, għal kull wild li jkun attenda skola f'livell primarju jew
(3) €2,300 jew l-ammont ta' ħlas li sar matul is-sena jekk huwa inqas, għal kull wild li jkun attenda skola f'livell sekondarju.

Ara lista tal-iskejjel fuq il-websajt tagħna cfr.gov.mt.

### 19b. Miżati mħallsa għal servizz ta' *facilitator*

Ġenituri li bl-approvazzjoni tal-*Istatementing Moderating Panel* ħallsu miżati lill-iskejjel privati indipendenti għal servizz ta' facilitator għal wild bi bżonnijiet speċjali huma eliġibbli għal tnaqqis ta' €9320 jew l-ammont ta' miżati mħallsa, jekk huwa anqas.

Biex jitolbu din id-deduzzjoni ġenituri eliġibbli għandhom jimlew il-formola RA3 li flimkien mad-dokumenti neċessarji, għandhom jiġu mehmuża ma' paġna 3 tal-formola tat-taxxa.

Jekk taħseb li inti eliġibbli għal din id-deduzzjoni u ma rċevejtx il-formola RA3 tista' takkwista kopja mit-*Taxpayer Service*.

### 19ċ. Miżati mħallsa għal servizzi ta' *child-care*

Ġenituri li ħallsu miżati għal servizzi ta' child-care lil ċentri approvati mid-Dipartiment għall-iStandards fil-Ħarsien Soċjali jew mid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni jew huwa servizz ipprovdut mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi rigward uliedhom li għandhom anqas minn 12-il sena huma eliġibbli għal tnaqqis ta' €2,000 għal kull wild, jew l-ammont ta' ħlas li sar għal kull wild matul is-sena jekk huwa inqas. Ara lista taċ-Ċentri ta' *Child Care* fuq il-websajt tagħna cfr.gov.mt..

### 19d. Miżati mħallsa għal attivitajiet sportivi

Individwu li ħallas miżati, rigward it-tfal tiegħu li ma jkunux għalqu s-sittax-il sena u li attendew attivitajiet sportivi approvati mill-Kunsill Malti tal-Isport huwa eliġibbli għal tnaqqis ta' €100 għal kull tifel jew tifla, jew l-ammont ta' ħlas li sar matul is-sena jekk huwa inqas.

### 19e. Miżati mħallsa għal residenza f'dar għall-anzjani jew għal persuni b'diżabbiltà, jew f'ċentru ta' serħan għal persuni b'diżabbiltà

Individwu li ħallas miżati għalih innifsu jew f'isem membru tal-familja tiegħu rigward residenza f'dar privata għall-anzjani jew għal persuni b'diżabbiltà, jew f'ċentru ta' serħan għal persuni b'diżabbiltà huwa eliġibbli għal tnaqqis ta' €2500, jew l-ammont ta' ħlas li sar matul is-sena jekk huwa inqas. Dan it-tnaqqis jingħata biss jekk il-pagament u d-dettalji tal-individwu li jagħmel it-talba jiġu ċertifikati b'dokument mill-persuna li tmexxi d-dar privata. Ara il-listi fuq il-websajt tagħna cfr.gov.mt..

### 19f. Miżati mħallsa għal studji f'edukazzjoni terzjarja

Meta individwu jkun ħallas miżati għal studji

f'istituzzjoni terzjarja edukattiva approvata, jingħata tnaqqis mid-dħul tiegħu ta' dawn il-miżati. It-tnaqqis permess ikun l-ammont ta' miżati attwalment imħallas jew €10,000, liema minnhom ikun l-inqas, u jittieħdu kontra d-dħul tiegħu għas-sena li fiha huwa jkun spiċċa b'suċċess l-istudji tiegħu.

Jekk it-tnaqqis ma jkunx jista' jittieħed kollu kontra d-dħul tal-individwu jew tal-konjuġi, għas-sena msemmija, għandu jiġi ttrasferit u jinqata' kontra d-dħul għas-snin sussegwenti wara xulxin. It-tnaqqis jista' jsir biss fejn l-individwu ma jkunx irċieva jew mhux ser jirċievi xi forma ta' kumpens fir-rigward tal-miżati mħallsa għall-imsemmija studji mill-Gvern jew minn xi entità oħra tal-Gvern jew privata.

L-individwu li jagħmel it-talba jrid jibgħat fl-ewwel sena tat-talba, ċertifikat li juri li huwa temm l-istudji tiegħu u li jkun maħruġ mill-istituzzjoni relattiva. Iċ-ċertifikat, maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre*, irid jikkonferma li l-individwu huwa ta' livell ta' edukazzjoni terzjarja u jrid jintbagħat mal-formola tat-taxxa. Dan it-tnaqqis jista' jintalab fuq il-formola RA 14 li wieħed jista' jniżżel mill-websajt tagħna.

### 19g. Miżati mħallsa għal korsijiet kreattivi u kulturali

Individwi li jkunu ħallsu miżati, li jirrigwardaw it-tfal tagħhom li ma jkunux għadhom għalqu is-sittax-il sena, għall-attendenza għal korsijiet kreattivi jew kulturali organizzati minn istituzzjonijiet jew persuni liċenzjati jew akkreditati mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, għandhom, għal kull tifel jew tifla, jingħataw tnaqqis fir-rigward tal-income tiegħu li jkun l-inqas minn dawn l-ammonti –

(a) l-ammont attwalment imħallas;
(b) mitt euro (€100):

Iżda t-tnaqqis għandu jkun permess biss jekk il-ħlas u d-dettalji tal-individwu li jkun qed jagħmel it-talba jiġu kkonfermati bl-informazzjoni provduta mill-persuna jew istituzzjoni liċenzjata jew akkreditata permezz tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti.

### 19h. Tnaqqis tal-miżati tat-trasport għall-iskola

Ġenituri ta' tfal li ma jkunux għalqu l-età ta' sittax-il sena u li jattendu skejjel tal-knisja jew privati u li jagħżlu li jagħmlu użu ta' transport tal-iskola jistgħu jitolbu tnaqqis tat-taxxa kontra d-dħul tagħhom sa massimu ta' €150 għal kull wild.

Dan it-tnaqqis huwa permess biss jekk il-pagament u d-dettalji tal-individwu li jagħmel it-talba ikun kkonfermati minn *Transport Malta* permezz tal-formola Veh 65, li tista titniżżel mill-website ta' Transport Malta - *www.transportmalta.gov.mt* jew mill-websajt tal-Uffiċċju ta-Kummissarju tat-Taxxi - *www.cfr.gov.mt*.

### 20. Tnaqqis ieħor

Naqqas dawk l-ammonti permessi mil-liġi mid-dħul li tkun iddikjarajt fil-kaxex 9 sa 14. Jekk tagħmel tnaqqis li m'għandekx dritt għalih teħel multi (taxxa addizzjonali) skont l-Atti dwar it-Taxxa, (Avviż Legali 98/2009).

F'każ li tkun fid-dubju dwar jekk xi tnaqqis partikolari jkunx skont il-liġi jew le għandek tiċċekkja, billi jew tmur it-*Taxpayer Service* jew iċċempel lill-*Call Centre* tad-Dipartiment fuq 153. Importanti li fl-ispazju pprovdut tniżżel in-numru tal-kaxxa fejn iddikjarajt id-dħul li kontrih qed titlob dan it-tnaqqis. Jekk qed titlob dan it-tnaqqis kontra aktar minn sors wieħed ta' dħul ehmeż lista ta' dawn is-sorsi mal-formola tiegħek.

Talbiet għal tnaqqis għal donazzjonijiet mogħtija lill-*University Research, Innovation and Development Trust* iridu wkoll jiġu inklużi hawn. Għaldaqstant, donazzjonijiet ta' bejn €150 u €50,000 mogħtija lil din it-Trust jistgħu jintalbu bħala tnaqqis mid-dħul. Għal dan il-għan it-Trust għandha toħroġ ċertifikat lid-donatur li juri l-valur tad-donazzjoni u li l-iskop tagħha kien għal wieħed ta' riċerka u zvilupp. Dan iċ-ċertifikat irid jiġi mehmuż mal-formola tat-taxxa.

## 21. Telf min-negozju fis-snin ta' qabel

F'din il-kaxxa għandek tniżżel it-telf min-negozju fis-snin ta' qabel u li jista' jinqata' kontra d-dħul taxxabbli ta' din is-sena. Oqgħod attent li dan it-telf ma tkunx naqqastu wkoll mid-dħul li ddikjarajt fuq paġna 2 tal-formola tat-taxxa. Niżżel fil-kaxxa indikata in-numru tal-VAT tan-negozju li minnu ġarrabt it-telf tas-sena ta' qabel.

## 22. Total ta' tnaqqis

Għodd l-ammonti fil-kaxex 16a sa 21 u niżżel it-total fil-kaxxa 22.

## 23. Total wara t-tnaqqis

Naqqas l-ammont li hemm fil-kaxxa 22 minn dak fil-kaxxa 15 u niżżel ir-riżultat fil-kaxxa 23. Jekk m'għandek xejn x'tikteb, niżżel "0". Jekk l-ammont fil-kaxxa 23 huwa fin-negattiv indika dan permezz ta' parentesi (*brackets*).

## KOMPUTAZZJONI TAT-TAXXA

F'din it-taqsima għandek issib kemm kien id-dħul taxxabbli tiegħek (taqsima 24 u 25) u tikkalkola t-taxxa dovuta fuq dak id-dħul (taqsima 26).

## 24. Dħul Taxxabbli

Hawnhekk għandek tasal għall-ammont ta' dħul taxxabbli skont it-tax status tiegħek billi tagħmel wieħed minn dawn il-kalkoli:

### Persuna Waħidha

Jekk it-tax status tiegħek kien "Persuna Waħidha" ikkonċentra fuq in-numri 24a, 25a, 26a u 27. Il-kaxex l-oħrajn kollha f'din il-parti tal-formola ma jgħoddux għalik. Dan japplika wkoll fil-każ li l-istatus tiegħek huwa "Persuna Waħida" u tikkwalifika għall-Komputazzjoni Ġenitur.

### Eżempju 1

Jekk int għandek €12,000 fil-kaxxa 8a (Total tad-Dħul minn Emolumenti jew Negozju) u €500 fil-kaxxa 23, agħmel kif ġej:

**24a**
Għodd l-ammonti li għandek fil-kaxex 8a (€12,000) u 23 (€500).

**25a**
Ikkopja mill-kaxxa 24a. Dan huwa t-Total tad-Dħul Taxxabbli tiegħek li fuqu trid tikkalkola t-taxxa. Ara numru 26 biex tara kif tikkalkola t-taxxa.

**Miżżewġin li jgħixu flimkien**

### Eżempju 2

Nieħdu l-eżempju fejn:

- fil-kaxxa 8a, it-total tad-dħul minn emolumenti u negozju tal-konjuġi responsabbli kien €15,000;
- fil-kaxxa 8b, dak tal-konjuġi l-ieħor kien €13,500;
- fil-kaxxa 23 hemm ammont ta' €900.

**24b**
Ikkopja l-ammont li hemm fil-kaxxa 8a (€15,000).

**24ċ**
Ikkopja l-ammont li hemm fil-kaxxa 8b (€13,500).

**24e u 24f**
Ikkopja l-ammont minn kaxxa 23 u niżżlu f'kaxxa 24e (jekk 24b hija daqs jew ogħla minn 24ċ) jew f'kaxxa 24f (jekk 24ċ hija ogħla minn 24b).

Koppji miżżewġin li jikkalkolaw it-taxxa bil-komputazzjoni separata jew Komputazzjoni Ġenitur għandhom jinnutaw li d-dħul minn investimenti, qligħ kapitali u dħul ieħor ikun taxxabbli f'idejn dak il-konjuġi li jkollu l-ogħla dħul minn emolumenti, negozju u pensjoni.

Jekk l-ammont fil-kaxxa 24b huwa akbar minn jew daqs dak fil-kaxxa 24c (bħal fil-każ tagħna);

- ikkopja l-ammont li hemm fil-kaxxa 23 (€900) fil-kaxxa 24e;
- ikteb "0" fil-kaxxa 24f;
- għodd il-kaxex 24b (€15,000) u 24e (€900) u niżżel it-total (€15,900) fil-kaxxa 25b;
- għodd il-kaxex 24ċ (€13,500) u 24f (€0) u niżżel it-total (€13,500) fil-kaxxa 25ċ.

Ara numru 26 biex tara kif tikkalkola t-taxxa.

**Eżempju 3**

Nieħdu l-eżempju fejn:

- fil-kaxxa 8a, it-total tad-dħul minn emolumenti u negozju tal-konjuġi responsabbli kien €13,500;
- fil-kaxxa 8b, dak tal-konjuġi l-ieħor kien €15,000;
- fil-kaxxa 23 l-ammont kien €900.

**24b**
Ikkopja l-ammont li hemm fil-kaxxa 8a (€13,500) fil-kaxxa 24b;

**24ċ**
Ikkopja l-ammont li hemm fil-kaxxa 8b (€15,000);

**24e u 24f**
Din id-darba l-ammont fil-kaxxa 24ċ huwa akbar minn 24b. F'dan il-każ it-total fil-kaxxa 23 se jingħadd mal-kaxxa 24ċ u mhux mal-kaxxa 24b.

Għalhekk:

- ikkopja l-ammont li hemm fil-kaxxa 23 (€900), fil-kaxxa 24f;
- ikteb "0" fil-kaxxa 24e;
- għodd il-kaxex 24b (€13,500) u 24e (€0), u niżżel it-total (€13,500) fil-kaxxa 25b;
- għodd il-kaxex 24ċ (€15,000) u 24f (€900) u niżżel it-total (€15,900) fil-kaxxa 25ċ.

Ara numru 26 biex tara kif tikkalkola t-taxxa.

Baqgħalna nagħmlu kalkolu ieħor biex niddeċiedu jekk naħdmux it-taxxa tagħna b'komputazzjoni separata/Ġenitur jew komuni.

**Eżempju 4**

Nerġgħu nieħdu l-figuri li użajna fl-eżempju 2 fejn:

- fil-kaxxa 8a, it-total tad-dħul minn emolumenti u negozju tal-konjuġi responsabbli kien €15,000;
- fil-kaxxa 8b, dak tal-konjuġi l-ieħor kien €13,500;

- Fil-kaxxa 23 hemm ammont ta' €900.

**24d**
Għodd l-ammonti li hemm fil-kaxex 8a (€15,000), 8b (€13,500) u 23 (€900) u niżżel ir-riżultat fil-kaxxa 24d. F'dan il-każ it-total huwa €29,400.

Ikkopja t-total ta' kaxxa 24d fil-kaxxa 25d. Ara numru 26 biex tara kif tikkalkola t-taxxa fuq it-total tad-dħul taxxabbli tiegħek.

**Ġenitur Wieħed *(Single Parent):***

Jekk int tikkwalifika bħala "Ġenitur Wieħed" m'għandekx għalfejn toqgħod tagħmel dawn il-kalkoli kollha. Kull ma għandek tagħmel f'din il-parti hu li tikkonċentra fuq il-kaxxa 24d.

**25. Total tad-Dħul Taxxabbli**

**Persuna Waħidha (ibbażat fuq eżempju numru 1)**

**25a**
Niżżel fil-kaxxa 25a it-total tal-ammonti li hemm fil-kaxex 24a (€12,500). Dan huwa t-Total tad-Dħul Taxxabbli tiegħek li fuqu trid tikkalkola t-taxxa. Ara l-kaxxa 26 biex tara kif tikkalkola t-taxxa tiegħek.

**Miżżewġin – Komputazzjoni Separata/ Ġenitur (ibbażat fuq eżempju numru 2)**

**25b**
Għodd il-kaxex 24b (€15,000) u 24e (€900) u niżżel it-total (€15,900) fil-kaxxa 25b.

**25ċ**
Għodd il-kaxex 24ċ (€13,500) u 24f (€0) u niżżel it-total (€13,500) fil-kaxxa 25ċ.

**Miżżewġin – Komputazzjoni Komuni**

**25d**
Ħu l-ammont li hemm fil-kaxxa 24d (€29,400) u kkupjah fil-kaxxa 25d.

**Ġenitur Wieħed**

**25d**
Ħu l-ammont li hemm fil-kaxxa 24d u kkupjah fil-kaxxa 25d.

**26. Taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli**

Hawnhekk għandek tikkalkola t-taxxa fuq id-dħul taxxabbli tiegħek. L-eżempji aktar 'l isfel juruk kif tikkalkola t-taxxa. Ir-rati tat-taxxa tista' ssibhom fuq wara ta' dan il-ktejjeb.

**Eżempju 1**

**Tax status: Persuna Waħidha**

**F'dan l-eżempju t-taxpayer huwa persuna waħidha u għandu Total tad-Dħul Taxxabbli fil-kaxxa 25a ta' €12,750.**

It-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli (€12,750) hija kkalkolata kif ġej:

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €12,750 tidħol bejn it-€9,101 u l-€14,500).

2. Immultiplika d-Dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.15) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €1,365) jiġifieri (€12,750 x 0.15) – €1365 = €547.

   €547 jitniżżlu fil-kaxxa 26a.

**Eżempju 2**

**Tax Status:**
**Persuna Waħidha li tikkwalifika għall-Komputazzjoni Ġenitur**

**F'dan l-eżempju it-taxpayer hija persuna waħidha li tmanti wild ta' ħames snin u li għandha Total tad-Dħul Taxxabbli fil-kaxxa 25a ta' €18,500**.

It-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli (€18,500) ikkalkolata bil-Komputazzjoni Ġenitur hija kif ġej:

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €18,500 tidħol bejn l-€15,801 u €21,200).
2. Immultiplika d-dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.25) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €3,155) jiġifieri (€18,500 x 0.25) – €3,155 = €1,470.

€1,470 jitniżżlu fil-kaxxa 26a

**Eżempju 3**

**Tax status:**
**Miżżewġin u ngħixu flimkien**

**F'dan l-eżempju**

- **It-total tad-Dħul Taxxabbli tat-taxpayer huwa €15,900 (fil-kaxxa 25b);**
- **Dak tal-konjuġi huwa €13,500 (fil-kaxxa 25ċ).**

F'dan il-każ l-ewwel se tinħadem it-taxxa bil-KOMPUTAZZJONI SEPARATA u mbagħad bil-komputazzjoni komuni. Il-koppja għandha dritt tagħżel l-aktar waħda vantaġġuża għaliha.

Biex tinħadem il-komputazzjoni separata, it-taxxa trid tiġi kkalkolata f'żewġ stadji:

**Stadju 1**
**Il-Konjuġi Responsabbli**

It-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli tal-konjuġi responsabbli (€15,900) hija kkalkolata billi jintużaw ir-rati ta' taxxa ta' persuna waħidha, kif ġej:

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €15,900 jidħol bejn l-€14,501 u €19,500).
2. Immultiplika d-Dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.25) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €2,815) jiġifieri (€15,900 x 0.25) – €2,815 = €1,160.

€1,160 jitniżżlu fil-kaxxa 26b

**Stadju 2**
**Il-Konjuġi l-Ieħor**

It-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli tal-konjuġi l-ieħor (€13,500) hija kkalkolata billi jintużaw ir-rati ta' taxxa ta' persuna waħidha, kif ġej:

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €13,500 jidħol bejn it-€9,100 u l-€14,500).
2. Immultiplika d-Dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.15) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €1,365) jiġifieri (€13,500 x 0.15) – €1,365 = €660.

€660 jitniżżlu fil-kaxxa 26c

**Nota:**
It-taxxa totali għal din il-koppja miżżewġa, maħduma bil-komputazzjoni separata, hija €1,820 (jiġifieri €1,160 + €660).

Issa se nerġgħu nieħdu l-istess eżempju – bid-differenza li t-taxxa se tkun maħduma bil-KOMPUTAZZJONI KOMUNI biex inkunu nistgħu naraw liema komputazzjoni hija l-aktar vantaġġuża għal din il-koppja.

It-Total tad-Dħul Taxxabbli ta' din il-koppja huwa €29,400 (kaxxa 25d). It-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli (€29,400) hija kkalkolata billi jintużaw ir-rati ta' taxxa ta' miżżewweġ, kif ġej:

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €29,400 jidħol fl-aħħar linja, jiġifieri bi dritt "21,201 sa 60,000").
2. Immultiplika d-Dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.25) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €3,905) jiġifieri (€29,400 x 0.25) – €3,905 = €3,445.

€3,445 jitniżżlu fil-kaxxa 26d

**Nota:**
Għal din il-koppja miżżewġa t-taxxa totali, maħduma bil-komputazzjoni komuni, hija €3,445. It-taxxa totali fuq l-istess ammont ta' dħul u maħduma bil-komputazzjoni separata hija €1,820 (jiġifieri €1,160 + €660).

Għalhekk, din il-koppja miżżewġa jaqblilha tagħżel komputazzjoni separata.

**Eżempju 4**

**Tax Status:**
**Miżżewġin u ngħixu flimkien**

**Il-koppja għandhom wild ta' 19-il sena li huwa student universitarju u għandu dħul ta' mhux aktar minn €2,400.**

**Bħal fl-eżempju 3 id-dħul taxxabbli tat-taxpayer huwa €15,900 u dak tal-konjuġi huwa ta' €13,500.**

Il-kalkolazzjoni tat-taxxa bil-Komputazzjoni Ġenitur trid tinħadem f'żewġ stadji:

**Stadju 1**
**Il-Konjuġi Responsabbli**

It-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli tal-konjuġi responsabbli (€15,900) hija kkalkolata bir-rati ta' Ġenitur kif ġej:

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €15,900 tidħol bejn l-€15,801 u €21,200).
2. Immultiplika d-dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.25) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €3,155) jiġifieri (€15,900 x 0.25) – €3,155 = €820.

€820 jitniżżlu fil-kaxxa 26b

**Stadju 2**
**Il-Konjuġi l-ieħor**

It-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli tal-konjuġi l-ieħor (€13,500) hija kkalkolata billi jintużaw ir-rati ta' taxxa ta' Ġenitur, kif ġej:

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €13,500 jidħol bejn €10,501 u l-€15,800).
2. Immultiplika d-Dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.15) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €1,575) jiġifieri (€13,500 x 0.15) – €1,575 = €450.

€450 jitniżżlu fil-kaxxa 26ċ

Nota:
It-taxxa totali għal din il-koppja miżżewġa, maħduma bil-komputazzjoni Ġenitur, hija €1,270 (jiġifieri €820 + €450). Kif rajna aktar 'il fuq it-taxxa bil-Komputazzjoni Komuni fuq id-dħul ta' din il-koppja huwa €3,445. Għaldaqstant f'dan il-każ il-koppja miżżewġa jaqbillha tagħżel Komputazzjoni Ġenitur.

**Eżempju 5**

**Tax status: Ġenitur Wieħed**

F'dan l-eżempju t-taxpayer huwa ġenitur wieħed u għandu Total tad-Dħul Taxxabbli fil-kaxxa 25d ta' €14,800.

F'każ ta' Ġenitur Wieħed it-taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli tiġi kkalkolata eżattament bħal fil-każ ta' miżżewġin b'komputazzjoni komuni.

1. Ara f'liema linja tidħol il-figura tad-Dħul Taxxabbli (f'dan il-każ €14,800 jidħlu bejn l-€12,701 u t-€21,200).
2. Immultiplika d-Dħul Taxxabbli bir-rata li tapplika għal dik il-linja (f'dan il-każ 0.15) u naqqas il-figura li hemm fit-tielet kolonna (f'dan il-każ €1,905) jiġifieri (€14,800 x 0.15) – €1,905 = €315.

€315 jitniżżlu fil-kaxxa 26d

**26A Rimborż ta' taxxa għal ċertu dħul**

**Kaxxa 26e**

Persuna waħidha li tuża r-rati tat-taxxa ta' 'Persuna Waħidha' li d-dħul taxxabbli tagħha fis-sena huwa ogħla minn €19,500 iżda inqas minn €19,620 jingħata rimborż ta' taxxa kkalkolat kif ġej:

€17,440 – (Kaxxa 25a – Kaxxa 26a).

Dan l-ammont ta' rimborż għandu jitniżżel f'Kaxxa 26e

Jew

Persuna waħidha li tuża r-rati tat-taxxa ta' Ġenitur li d-dħul taxxabbli tagħha fis-sena huwa ogħla minn €21,200 iżda inqas minn €21,340 jingħata rimborż ta' taxxa kkalkolat kif ġej:

€19,055 – (Kaxxa 25a – Kaxxa 26a).

Dan l-ammont ta' rimborż għandu jitniżżel f'Kaxxa 26e

**Kaxex 26f u 26g**

Persuna miżżewġa li tuża r-rati tat-Taxxa ta' 'Persuna Waħidha' – Komputazzjoni Separata li d-dħul taxxabbli tagħha fis-sena huwa ogħla minn €19,500 iżda inqas minn €19,620 jingħata rimborż ta' taxxa kkalkolat kif ġej:

Tiegħi - €17,440 – (Kaxxa 25b – Kaxxa 26b). Dan l-ammont ta' rimborż għandu jitniżżel f'Kaxxa 26f.

Konjuġi - €17,440 – (Kaxxa 25c – Kaxxa 26c). Dan l-ammont ta' rimborż għandu jitniżżel f'Kaxxa 26g.

Jekk id-dħul taxxabbli ta' xi wieħed mill-konjuġi ma jaqax fit-'Thresholds' imsemmija, wieħed għandu jniżżel '0' fil-kaxex 26f u/jew 26g.

Jew

Persuna miżżewġa li tuża r-rati tat-Taxxa ta' 'Ġenitur' – Komputazzjoni Separata li d-dħul taxxabbli tagħha fis-sena huwa ogħla minn €21,200 iżda inqas minn €21,340 jingħata rimborż ta' taxxa kkalkolat kif ġej:

Tiegħi - €19,055 – (Kaxxa 25b – Kaxxa 26b). Dan l-ammont ta' rimborż għandu jitniżżel f'Kaxxa 26f.

Konjuġi - €19,055 – (Kaxxa 25c – Kaxxa 26c). Dan l-ammont ta' rimborż għandu jitniżżel f'Kaxxa 26g.

Jekk id-dħul taxxabbli ta' xi wieħed mill-konjuġi ma jaqax fit-'Thresholds' imsemmija,

wieħed għandu jniżżel '0' fil-kaxex 26f u/jew 26g.

**Kaxxa 26h**

Persuna miżżewġa jew Ġenitur waħdu li juża ir-rati ta' taxxa ta' Miżżewġin li d-dħul taxxabbli fis-sena huwa ogħla minn €28,700 iżda inqas minn €28,860 jingħata rimborż ta' taxxa kkalkolat kif ġej:

€25,550 – (Kaxxa 25d – Kaxxa 26d).

Dan l-ammont ta' rimborż għandu jitniżżel f'Kaxxa 26h

**26A**
**Kalkolu tat-tnaqqis tat-taxxa għall-pensjonijiet**

**Biex il-pensjonijiet jibbenefikaw minn rimborż ta' taxxa kif imsemmi fit-taqsima 3 ta' dan il-ktejjeb, qed jiġu applikati *rebates* tat-taxxa speċifiċi kif muri fl-eżempji li ġejjin. It-tnaqqis tat-taxxa kkalkulat għandu jiddaħħal fit-taqsima 26A tal-prospett tat-taxxa u *self-assessment*.**

1. Fil-każ ta' persuna li hija ntaxxata bir-rati ta' Persuna Waħidha, ir-*rebate* tat-taxxa għandu jitnaqqas mit-taxxa fuq id-dħul taxxabbli tagħha, kif ġej:

*Rebate* tat-taxxa = (naqqas 9,100 mid-dħul tal-pensjoni) u mmultiplika r-riżultat bi 15% (sa massimu ta' €615).

Eżempju:
Dħul mill-pensjoni €13,000 - €9,100 = €3,900 x 15% = €585. It-tnaqqis fit-taxxa jammonta għal €585 u għandu jiddaħħal fil-kaxxa 26e jew 26f u/jew 26g (kif applikabbli).

2. Fil-każ ta' persuna li hija ntaxxata bir-rati ta' Ġenitur ir-*rebate* tat-taxxa għandu jitnaqqas mit-taxxa fuq id-dħul taxxabbli tiegħu, kif ġej:

*Rebate* tat-taxxa = (naqqas 10,500 mid-dħul tal-pensjoni) u mmultiplika r-riżultat bi 15% (sa massimu ta' €405).

Eżempju:
Dħul minn pensjoni €13,100 - €10,500 = €2,600 x 15% = €390. It-tnaqqis tat-taxxa jammonta għal €390 u għandu jiddaħħal fil-kaxxa 26e jew 26f u/jew 26g (kif applikabbli).

3. Fil-każ ta' persuna li hija intaxxata bir-rati ta' Miżżewġin, tnaqqis fit-taxxa għandu jitnaqqas mit-taxxa fuq id-dħul taxxabbli tiegħu, kif ġej:

*Rebate* tat-taxxa = (naqqas 12,700 mid-dħul tal-pensjoni) u mmultiplika r-riżultat bi 15% (sa massimu ta' €75).

Eżempju:
Dħul mill-pensjoni €13,200 - €12,700 = €500 x 15% = €75. It-tnaqqis tat-taxxa jammonta għal €75 u għandu jiddaħħal fil-kaxxa 26h.

**F'dan l-istess eżempju, il-persuna kella dħul ieħor ta' €400 minn sors li ma kienx pensjoni.**

F'dan il-każ, għandu jiġi permess *rebate* tat-taxxa ieħor kontra t-taxxa fuq id-dħul taxxabbli tiegħu kif ġej.

*Rebate* tat-taxxa = (naqqas 12,700 mid-dħul taxxabbli) mmultiplika r-riżultat bi 15% u naqqas ir-rebate ġa mogħti (€75). Ir-*Rebate* riżultanti ma jridx jeċċedi €150.

Eżempju:
Dħul taxxabbli €14,200 - €12,700 = €1,500 x 15% = €225.
Minn 225 naqqas ir-*rebate* ġa moghti (€75) = €150.

Ir-*rebate* tat-taxxa addizzjonali jammonta għal €150. Għaldaqstant l-ammont totali ta' *rebate* tat-taxxa li din il-persuna tista' titlob huwa ta' €225 (€75 + €150).

**26B Taxxa wara r-rimborż ta' taxxa**

**Kaxxa 26i**
Naqqas l-ammont f'kaxxa 26e minn l-ammont f'kaxxa 26a u niżlu f'kaxxa 26i

**Kaxxa 26j**
Naqqas l-ammont f'kaxxa 26f minn l-ammont f'kaxxa 26b u niżlu f'kaxxa 26j

**Kaxxa 26k**
Naqqas l-ammont f'kaxxa 26g minn l-ammont f'kaxxa 26c u niżlu f'kaxxa 26k

**Kaxxa 26l**
Naqqas l-ammont f'kaxxa 26h minn l-ammont f'kaxxa 26d u niżlu f'kaxxa 26l

**27. Total tat-Taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli**

Jekk qiegħed titlob il-kreditu li jingħata lil nisa li jirritornaw għal impjieg, importanti li timla l-formola RA 4, RA 7 jew RA 9 qabel tkompli timla din il-parti tal-formola tat-taxxa. B'hekk tkun ċert li tagħżel l-aktar komputazzjoni vantaġġuża għalik.

Hawn għandek tikkopja l-ammont li kkalkolajt fin-numru 26, kif muri hawn taħt:

- jekk int "Persuna Waħidha" ħu l-ammont ta' taxxa li kkalkulajt fil-kaxxa 26i u kkupjah fil-kaxxa 27.
- jekk intom "Miżżewġin u ngħixu flimkien" u t-total tal-kaxex 26j u 26k huwa ogħla minn dak fil-kaxxa 26l, ħu l-ammonti fil-kaxxa 26l u kkupjah fil-kaxxa 27.
- jekk it-tax status tiegħek huwa "Miżżewġin u ngħixu flimkien" u t-total tal-kaxex 26j u 26k huwa inqas minn dak fil-kaxxa 26l, għodd l-ammonti li hemm fil-kaxex 26j u 26k u niżżel it-total fil-kaxxa 27. Fil-każ li semmejna aktar 'il fuq għodd €1,160 (26j) ma' €660 (26k) u niżżel €1,820 fil-kaxxa 27.
- jekk int "Ġenitur wieħed" ħu l-ammont ta' taxxa li kkalkulajt fil-kaxxa 26l u kkupjah fil-kaxxa 27.
- jekk m'hemm l-ebda taxxa dovuta ikteb "0" fil-kaxxa 27.

**F'din it-taqsima huwa importanti li tindika jekk għażiltx r-rati ta' taxxa ta' "Ġenitur" billi timmarka l-kaxxa.**

**Individwi mhux residenti f'Malta jew barranin li jgħixu f'Malta**

Individwi li mhumiex residenti f'Malta jew barranin li jgħixu f'Malta jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' uffiċjali fid-Dipartiment biex jaslu għall-figura eżatta tat-taxxa.

**Impjieg barra minn Malta**

*Taxpayers* li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' impjieg barra minn Malta jistgħu jagħżlu li dan id-dħul jiġi ntaxxat jew bir-rati normali tat-taxxa jew b'rata fissa ta' 15%. Importanti illi d-dħul minn impjieg barrani jiġi ntaxxat bħala l-ewwel parti tad-dħul tiegħek. Biex tara liema għażla hija l-aħjar għalik trid tikkalkula t-taxxa dovuta minnek fi tliet stadji:

**Stadju 1**

- Aħdem it-taxxa dovuta fuq id-dħul taxxabbli kollu (inkluż id-dħul mill-impjieg barra minn Malta) billi tuża r-rati normali tat-taxxa li japplikaw għalik ('Persuna Waħidha', 'Miżżewġin' jew 'Ġenitur').

**Stadju 2**

(a) aħdem it-taxxa fuq l-impjieg ta' barra minn Malta billi tuża r-rati normali tat-taxxa li japplikaw għalik ('Persuna Waħidha' jew 'Miżżewġin');
(b) naqqas it-taxxa fuq l-impjieg ta' barra minn Malta hekk kif jirriżulta minn (a) mit-taxxa dovuta fuq id-dħul taxxabbli kollu hekk kif maħduma fi Stadju 1;
(ċ) aħdem it-taxxa bir-rata ta' 15% fuq l-impjieg ta' barra minn Malta u għoddu mat-taxxa li rriżultat fit-taqsima (b) hawn fuq.

**Stadju 3**

Qabbel ir-riżultat ta' stadju 1 ma stadju 2
Eżempju 1:

Persuna waħidha, f'kaxxa 1a (Impjieg jew kariga) kellha €10,000; u fil-kaxxa 4a kellha €25,000 bħala dħul minn impjieg barra minn Malta.

Il-komputazzjoni tinħadem hekk:

**Stadju 1**

It-taxxa dovuta fuq id-dħul totali kollu (€35,000) bir-rati ta' taxxa ta' persuna waħidha hija €6,025.

**Stadju 2**

(a) It-taxxa fuq id-dħul minn impjieg barra minn Malta meta tuża r-rati normali hija €3,525.

(b) Naqqas it-taxxa bir-rati normali fuq l-impjieg barra minn Malta (€3,525) mit-taxxa bir-rati normali fuq id-dħul taxxabbli kollu (€6,025). Dan għandu jirriżulta f'taxxa ta €2,500.

(ċ) Għodd it-taxxa kkalkulata bir-rata ta' 15% fuq l-impjieg barra minn Malta (€3,750) mat-taxxa riżultanti f'sezzjoni (b) hawn fuq (€2,500).

It-total tat-taxxa f'dan il-każ huwa €6,250.

**Stadju 3:**

Qabbel liema komputazzjoni tat-taxxa bejn Stadju 1 u Stadju 2 hija l-aktar vantaġġuża għalik u niżżel l-ammont f'sezzjoni 26.

Fl-eżempju ta' hawn fuq jidher li huwa aktar vantaġġuż li t-taxpayer jagħżel li d-dħul minn impjieg barra minn Malta jiġi ntaxxat bil-15%.

Għal aktar informazzjoni ta' kif tiġi maħduma t-taxxa fuq l-impjieg ta' barra minn Malta, tista' tuża s-servizz tat-*Taxpayer Service*.

**28. Kreditu għal persuni li rritornaw għall-impjieg**

Irreferi għall-fuljett li jitqassam mal-formola RA 4, RA 7 u RA 9 biex jgħinek timla sew din il-parti.

**29. Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja**

Irreferi għall-fuljett li jitqassam mal-formola RA 1.

**30. Krediti Oħra ta' Taxxa**

Hawnhekk tista' tnaqqas xi ammonti oħra li jikkwalifikaw bħala kreditu ta' taxxa bħal:

a) Kreditu ta' taxxa għal kwalifiki speċifiċi skont ir-regoli tal-2005 dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Ġenerali u Speċifiċi) (Formola RA 5) u r-Regoli tal-2010 dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Rilevanti għall-Industrija) (Formola RA 10);

b) Kreditu ta' taxxa għall-investiment mill-ġdid taħt ir-Regolamenti tal-2003 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-ġdid u r-Regoli tal-2005 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-ġdid;

ċ) Kreditu ta' taxxa fuq investimenti taħt l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Reg 5);

d) Kreditu ta' taxxa fuq *MicroInvest*;

e) Kreditu ta' taxxa fuq Skemi Personali tal-irtirar;

f) Kreditu ta' taxxa fuq Skema ta' *Seed Investment*;

g) Kreditu ta' taxxa tal-iskema tal-ispizerija tal-għażla tiegħek;

h) Kreditu ta' taxxa taħt skema ta' Riċerka, Żvillup u innovazjoni tal-*Malta Enterprise;*

i) Kreditu ta' taxa skont l-iskema tal-*Business Development and Continuity;*

j) Kreditu ta' taxxa fuq Riċiklaġġ ta' Skart ta' Kostruzzjoni.

Importanti li fl-ispazju provdut tniżżel taħt liema Att jew regolamenti qiegħed titlob il-kreditu. Jekk ma tindikax l-att fl-ispazju pprovdut, il-kreditu mitlub ma jiġix meqjus. Dawn il-krediti ta' taxxa għandhom isiru fuq formoli apposta pprovduti. Il-formoli mimlija, flimkien mad-dokumenti neċessarji, għandhom jiġu mehmuża ma' paġna 3 tal-formola tat-taxxa.

**Għal aktar informazzjoni tista' tikkuntattja lill-*Call Centre* fuq in-numru 153.**

**31. Total tal-Krediti tat-Taxxa**

Għodd l-ammonti li hemm fil-kaxex 28 sa 30 u niżżel dan it-total fil-kaxxa 31.

Jekk m'intix se tnaqqas xi krediti ta' taxxa, niżżel "0".

**32. Taxxa Dovuta wara t-Tnaqqis tal-Krediti tat-Taxxa**

Naqqas l-ammont li hemm fil-kaxxa 31 minn dak fil-kaxxa 27 u niżżel ir-riżultat f'kaxxa 32.

**Importanti li wieħed jinnota li l-ammont totali tal-krediti tat-taxxa mniżżla fil-kaxex 28 sa 30 ma jistgħux jeċċedu t-taxxa fuq id-dħul taxxabbli. Għalhekk, jekk ir-riżultat ta' din il-kalkolazzjoni hu fin-negattiv, niżżel "0" fil-kaxxa 32.**

**33. Ħelsien minn Taxxa Doppja**

Biex il-kreditu għall-ħelsien minn taxxa doppja jinħadem b'mod korrett, wieħed irid

ikollu f'idejh din l-informazzjoni:

- l-income minn barra li ġie ntaxxat doppju (pereżempju imgħax barrani ta' €1,200);
- it-taxxa li nżammet barra minn Malta (per eżempju €180);
- it-total tal-*income* intaxxat f'Malta – inkluż l-imgħax barrani (pereżempju €15,600);
- it-taxxa li nżammet f'Malta fuq it-total tal-*income* (f'dan il-każ, €1,085).

Meta tiddividi l-ammont ta' taxxa miżmuma barra (€180) bl-ammont ta' *income* minn barra (€1,200) issib li l-*income* barrani jkun ġie ntaxxat bir-rata ta' 15%. Ir-rata ta' taxxa effettiva ta' Malta ssibha billi tiddividi t-taxxa f'Malta (€1,085) bit-total tal-*income* (€15,600).

Fil-fatt ir-rata effettiva ta' Malta kienet 7.0%. Ir-rata ta' Malta kienet inqas minn dik ta' barra. Fil-fatt hija din l-inqas rata li trid tintuża biex jinħadem il-kreditu tat-taxxa fin-numru 33.

Għalhekk dan l-individwu għandu dritt għal ħelsien mit-taxxa doppja ta' €84 (jiġifieri €1,200 multiplikati bl-inqas rata, 7.0%).

Dan l-individwu, li fil-kaxxa 27 kellu taxxa totali ta' €1,085, ikun irid iniżżel €84 fil-kaxxa 33. B'hekk it-taxxa tiegħu hija €1,085 – €84 = €1,001.

Fil-qosor dan nistgħu niktbuh hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Dħul barrani intaxxat doppju | 1,200 | Rata Effettiva Barranija =180/1,200 =15% |
| Taxxa barranija | 180 | |

| | | |
|---|---|---|
| Total tad-Dħul intaxxat f'Malta | 15,600 | Rara Effetiva f'Malta =1,085/15,600 =7.0% |
| Malta Tax | 1,085 | |

F'dan il-każ għandha tintuża l-inqas rata biex jinħadem l-ammont ta' ħelsien, jiġifieri: €1,200 x 7.0% = €84.

**Eżempju ieħor:**

- Armel kellu *income* minn barra ta' €3,500.
- Fuqu weħel taxxa ta' €525 (jiġifieri bir-rata ta' 15%).
- It-total tal-*income* tiegħu (inkluż l-*income* minn barra) kien €24,500.
- It-taxxa totali f'Malta kienet €3,400.

Ir-rata tat-taxxa barranija kienet 15% (€525 diviż b'€3,500). Dik effettiva f'Malta kienet 13.9% (€3,400 diviż b'€24,500). Ir-rata ta' barra kienet inqas minn dik ta' Malta. Hija din l-inqas rata li trid tintuża biex jinħadem il-kreditu tat-taxxa fin-numru 33.

Il-kreditu li dan l-individwu għandu dritt għalih bħala ħelsien mit-taxxa doppja jiġi kkalkolat billi timmultiplika €3,500 bl-inqas rata, jiġifieri 13.9%. Għalhekk fil-kaxxa 33 għandu jitniżżel €487.

It-taxxa ta' dan l-individwu hija €3,400 – €487 = €2,913.

Fil-qosor dan nistgħu niktbuh hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Dħul barrani intaxxat doppju | 3,500 | Rata Effetiva Barranija =525/3,500 =15% |
| Taxxa barranija | 525 | |

| | | |
|---|---|---|
| Total tad-Dħul intaxxat f' Malta | 24,500 | Rata Effettiva f'Malta =3,400/24,500 =13.9% |
| Taxxa f'Malta | 3,400 | |

F'dan il-każ l-ammont ta' ħelsien mit-taxxa doppja huwa: €3,500 x 13.9% (l-inqas rata) = €487.

Jekk issib xi diffikultà biex tikkalkola dan it-tip ta' kreditu, tista' titlob l-għajnuna ta' uffiċjali tad-Dipartiment.

**34. Taxxa Dovuta wara l-Ħelsien minn Taxxa Doppja**

Naqqas il-kaxxa 33 mill-kaxxa 32 u ikteb ir-riżultat f'kaxxa 34. Il-ħelsien minn taxxa doppja m'għandux jirriżulta f'*refund*. Għalhekk, jekk ir-riżultat ta' din il-kalkolazzjoni hu fin-negattiv, niżżel "0" fil-kaxxa 34.

# PAGAMENTI TA' TAXXA

**Ħlas ta' taxxa matul l-2018**

Biex tkun tista' tagħmel is-*self-assessment* se jkollok bżonn tkun taf kemm ħallast u kemm baqgħalek tagħti.

It-total tat-taxxa provviżorja (jekk kellek) huwa stampat fil-kaxxa numru 36, u t-total ta' ħlas ta' taxxa provviżorja għal qligħ kapitali huwa stampat fil-kaxxa 37. Dawn it-totali m'għandhomx jinkludu xi ħlas ta' arretrati ta' taxxa għal snin li jiġu qabel l-2018.

**35. Taxxa mnaqqsa bl-FSS**

Hawn ikteb l-ammont ta' taxxa li tnaqqsitlek bl-FSS mill-impjieg jew mill-pensjoni lokali matul is-sena. Dan l-ammont issibu fuq l-FS3 li jkun tak min ħaddmek jew ħallsek il-pensjoni. Għal kull ammont separat ta' tnaqqis li sar bl-FSS għandek tniżżel in-numru tal-PE u l-ammont tat-taxxa mnaqqsa matul is-sena. Jekk fin-numru 35 trid tnaqqas xi taxxa li matul l-2018 tnaqqsitlek bil-15% mill-*part-time* għandek tiddikjara l-income tiegħek mill-*part-time* fil-kaxxa numru 1. Dan għandek tagħmlu biss jekk tidħol fir-rati ta' taxxa anqas minn 15%.

Fil-kaxxa numru 35 m'għandekx tinkludi ħlas ta' arretrati ta' taxxa għal snin li jiġu qabel l-2018.

Fil-fatt fl-ebda parti tal-formola tat-taxxa m'għandek tinkludi ħlas ta' arretrati ta' taxxa, sew jekk dan ikun sar permezz ta' tnaqqis mill-emolumenti u sew jekk permezz ta' ħlasijiet diretti oħra li stajt għamilt għall-arretrati. Dawn l-ammonti bl-ebda mod m'huma se jaffettwaw it-taxxa għall-2018.

**36. Ħlas ta' Taxxa Provviżorja**

F'din il-kaxxa għandek issib stampat it-total tal-ħlasijiet ta' taxxa provviżorja li għamilt għall-2018 (jekk kien hemm). Iċċekkja li huma korretti. Dan it-total m'għandux jinkludi ammonti ta' taxxa mħallsa dwar arretrati ta'

taxxa, jiġifieri taxxa dwar snin li jiġu qabel l-2018.

**37. Taxxa Provviżorja Mħallsa fuq Qligħ Kapitali**

F'din il-kaxxa għandek issib stampat it-total tat-taxxa li ħallast fuq trasferimenti ta' proprjetà li fuqhom ma nżammitx taxxa finali. Tista' tnaqqas dan l-ammont biss jekk tkun iddikjarajt xi qligħ kapitali fil-kaxxa numru 12 aktar 'il fuq.

**38. Taxxa Miżmuma fuq Dividendi Lokali**

Hawn niżżel biss dik it-taxxa li tkun tnaqqsitlek minn dawk id-dividendi lokali li tkun iddikjarajt fil-kaxxex 9ai u 9aii rispetivament.

**39. Taxxa Miżmuma fuq Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja**

Irreferi għall-fuljett li jitqassam mal-formola RA1.

**40. Pagamenti Oħra ta' Taxxa**

Naqqas xi pagamenti oħra ta' taxxa li jirreferu għat-taxxa tas-sena 2018 u li ma daħlu mkien aktar fil-formola.

**41. Total ta' Pagamenti tat-Taxxa**

Għodd l-ammonti li hemm fil-kaxex 35a sa 40 u niżżel dan it-total fil-kaxxa 41.

Jekk m'intix se tnaqqas xi pagamenti tat-taxxa niżżel "0".

# TAXXA MĦALLSA NIEQSA JEW ŻEJDA

Ħares lejn il-kaxex 34 u 41: Jekk l-ammont fil-kaxxa 34 huwa ogħla minn dak fil-kaxxa 41, niżżel id-differenza fil-kaxxa 42a.

DAN IFISSER LI INTI GĦAD BAQAGĦLEK TĦALLAS XI TAXXA. DAN IRID JITĦALLAS SAT-30 TA' ĠUNJU, 2019.

**Il-pagament jista' jsir *on-line* fuq *https://cfr.gov.mt/onlinepayments* jew bl-*Internet Banking* fejn wieħed għandu jikwota in-Numru tar-Referenza tal-Pagament li ssibu f'paġna 4 tal-formola tat-taxxa.**

**Alternattivament, il-ħlas jista' jintbagħat b' ċekk pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi billi tuża l-envelop żgħir ipprovdut. Jekk il-pagament qed issir f' waħda mill-fergħat tal-MaltaPost iċ-ċekk għandu jkun pagabbli lill-MaltaPost plc.**
**Huwa importanti li tinkludi/tippreżenta il-*Payment Slip* mal-ħlas biċ-ċekk.**

Jekk tonqos li tħallas sat-30 ta' Ġunju, 2019 inti teħel imgħax ta' 0.54% fix-xahar fuq l-ammont li ma tkunx ħallast sa dakinhar.

Jekk l-ammont fil-kaxxa 34 huwa inqas minn dak fil-kaxxa 41 niżżel id-differenza fil-kaxxa 42b.

DAN IFISSER LI INTI GĦANDEK TIEĦU RIFUŻJONI MINĦABBA LI ĦALLAST TAXXA ŻEJDA.

Id-Dipartiment se jħallsek ir-rifużjoni fi żmien sitt xhur mit-30 ta' Ġunju (jiġifieri sa l-aħħar ta' Diċembru, 2019). Jekk ma jħallsekx sa dik id-data d-Dipartiment huwa obbligat bil-liġi li jħallsek imgħax bir-rata ta' 0.54% fix-xahar fuq l-ammont dovut lilek. L-imgħax jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar tas-sena 2020.

Madanakollu, ir-rifużjoni ma jingħatax kemm-il darba inti ma tkunx bgħatt il-prospetti tat-taxxa tad-dħul u tal-VAT, fejn dan ikun applikabbli.

Jekk l-ammont fil-kaxxa 34 huwa daqs dak fil-kaxxa 41 niżżel ‘0’ fil-kaxex 42a u 42b.

# MILI TA' FORMOLI TAT-TAXXA

L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi se jipprovdi għajnuna fil-mili tal-formoli tat-taxxa. Għal dan il-għan, uffiċjali se jattendu f'għadd ta' skejjel tal-Gvern u f'Ċentri ta' Servizz.gov fid-dati, postijiet u ħinijiet kif jidhru hawn taħt.

Minbarra ċ-Ċentri tal-Gvern imsemmija, it-*Taxpayer Service, Servizz.gov Hub* tagħna (Floriana u Għawdex) se jkunu miftuħa wkoll għall-pubbliku matul l-imsemmija Sibtijiet.

It-*taxpayers* li jagħmlu użu minn dan is-servizz għandhom flimkien mal-formola tat-taxxa għas-sena ta' stima 2019, iġibu magħhom dawn id-dokumenti: karta tal-identità; FS3 dwar l-impieg jew pensjoni; *statement* tal-pensjoni; rendikont ta' dħul u ħruġ; *dividend warrants* (oriġinali); ċertifikati tal-Bank tal-imgħax (oriġinali); rendikont dwar Qligħ Kapitali.

**IS-SIBT 1 TA' ĠUNJU 2019 – mit-8.00am sas-1.00pm**

B'KARA 'Ċ'........................................ TRIQ BRARED
QORMI – SERVIZZ.GOV HUB........................................TRIQ L-ORATORJU
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, FLORIANA, BLOKK 4 ................ TRIQ V.DIMECH
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, RABAT, GĦAWDEX ............ TRIQ ENRICO MIZZI

**IS-SIBT 8 TA' ĠUNJU 2019 – mit-8.00am sas-1.00pm**

SLIEMA........................................TRIQ ISOUARD
ŻABBAR 'B' ........................................TRIQ TUMAS DINGLI
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, FLORIANA, BLOKK 4 ................ TRIQ V.DIMECH
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, RABAT, GĦAWDEX ............ TRIQ ENRICO MIZZI

**IS-SIBT 15 TA' ĠUNJU 2019 – mit-8.00am sas-1.00pm**

BIRGU - SERVIZZ.GOV HUB ........................................TRIQ SAN DWARDU
MARSA 'C'........................................ TRIQ BALBI
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, FLORIANA, BLOKK 4 ................ TRIQ V.DIMECH
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, RABAT, GĦAWDEX ............ TRIQ ENRICO MIZZI

**IS-SIBT 22 TA' ĠUNJU 2019 – mit-8.00am sas-1.00pm**

PAOLA 'A' ........................................TRIQ GUZE D'AMATO
MOSTA 'A'........................................ TRIQ GROGNET
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, FLORIANA, BLOKK 4 ................ TRIQ V.DIMECH
UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI, RABAT, GĦAWDEX ............ TRIQ ENRICO MIZZI

# RATI TAT-TAXXA

## PERSUNA WAĦIDHA

| Dħul Taxxabbli | Immultiplika | Naqqas |
|---|---|---|
| 0 – 9,100 | 0 | 0 |
| 9,101 – 14,500 | 0.15 | 1,365 |
| 14,501 – 19,500 | 0.25 | 2,815 |
| 19,501 – 60,000 | 0.25 | 2,725 |
| 60,001 u aktar | 0.35 | 8,725 |

## MIŻŻEWĠIN

| Dħul Taxxabbli | Immultiplika | Naqqas |
|---|---|---|
| 0 – 12,700 | 0 | 0 |
| 12,701 – 21,200 | 0.15 | 1,905 |
| 21,201 – 28,700 | 0.25 | 4,025 |
| 28,701 – 60,000 | 0.25 | 3,905 |
| 60,001 u aktar | 0.35 | 9,905 |

## ĠENITUR

| Dħul Taxxabbli | Immultiplika | Naqqas |
|---|---|---|
| 0 – 10,500 | 0 | 0 |
| 10,501 – 15,800 | 0.15 | 1,575 |
| 15,801 – 21,200 | 0.25 | 3,155 |
| 21,201 – 60,000 | 0.25 | 3,050 |
| 60,001 u aktar | 0.35 | 9,050 |

**L-*income* ta' persuna mhux residenti f'Malta jiġi ntaxxat b'rati differenti.**
**Tista' tikseb kopja ta' dawn ir-rati mit-*Taxpayer Service, Servizz.gov Hub, Floriana / Rabat (Għawdex)* jew minn fuq il-Websajt tagħna.**